# IL-PRESIDENZA FRANĊIŻA
# TAL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

## PROGRAMM TA' ĦIDMA

***1 ta' Lulju – 31 ta' Diċembru 2008***

***EWROPA LI TAĦDEM***
***BIEX TILQA' GĦALL-ISFIDI TAL-LUM***

# SOMMARJU


**INTRODUZZJONI** ........ 1

**1. BIEX L-EWROPA SSIR MUDELL TA' ŻVILUPP SOĊJALI, EKOLOĠIKU U EKONOMIKU SOSTENIBBLI** ........ 2

1.1. L-EWROPA U L-ISFIDA TAR-RIŻORSI SOSTENIBBLI ........ 2
- *Biex l-Ewropa tkun fuq quddiem fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima* ........ 2
- *Tisħiħ tas-sigurtà fil-qasam ta' l-enerġija* ........ 3
- *Tnaqqis tal-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija* ........ 4
- *Tħaddim ta' politika dwar it-trasport li taqdi l-iżvilupp sostenibbli* ........ 4
- *Ħarsien ta' l-ambjent* ........ 5
- *Tħejjija tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni dwar is-sajd għall-isfidi ta' għada* ........ 5
- *Żvilupp ta' politika marittima aktar koerenti* ........ 6

1.2. L-EWROPA TAS-SOLIDARJETÀ ........ 6
- *L-iżvilupp ta' politika għas-servizz tal-koeżjoni soċjali* ........ 6
- *Viżjoni ġdida għall-politika ta' koeżjoni* ........ 8

1.3. EWROPA INNOVATTIVA U KOMPETITTIVA ........ 9
- *L-Ewropa ta' l-għarfien u l-mobilità* ........ 9
- *L-Ewropa l-kompetittività* ........ 11
- *Ewropa li tħares l-interessi ta' l-intraprendituri u l-konsumaturi tagħha* ........ 11

1.4. EWROPA EKONOMIKA U FINANZJARJA GĦAS-SERVIZZ TAT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEG ........ 12
- *Tisħiħ ta' l-istabbilità finanzjarja* ........ 12
- *Titjib fis-sistema ta' superviżjoni Ewropea* ........ 13
- *Għall-integrazzjoni finanzjarja ta' l-Ewropa* ........ 13
- *Unjoni ekonomika u monetarja li taħdem sew* ........ 13

**2. EWROPA AKTAR SENSITTIVA GĦAD-DRITTIJIET, GĦAS-SIGURTÀ U GĦALL-ASPIRAZZJONIJIET TAĊ-ĊITTADINI** ........ 15

2.1. ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA ........ 15
- *Impenn politiku mġedded dwar il-kenn u l-immigrazzjoni* ........ 15
- *Ewropa b'aktar sigurtà għaċ-ċittadini tagħha* ........ 16
- *Ewropa b'ġustizzja aktar effikaċi* ........ 18
- *Ewropa li tħares id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha* ........ 19

2.2. L-EWROPA TAL-KULTURA, TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U TA' L-ISPORTS ........ 20
- *L-impenn favur il-kultura* ........ 20
- *L-impenn favur iż-żgħażagħ* ........ 20
- *L-impenn favur l-isports* ........ 21

**3. AFFERMAZZJONI TAR-RWOL TA' L-EWROPA FIX-XENA INTERNAZZJONALI** ........ 22

3.1. SPIRTU ĠDID GĦALL-EWROPA TAD-DIFIŻA U TAS-SIGURTÀ ........ 22
- *Strateġija ta' sigurtà għall-għaxar snin li ġejjin* ........ 22
- *Tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u tal-ġestjoni ta' kriżi, żvilipp ta' l-istrumenti ta' l-Unjoni* ........ 22
- *L-iżvilupp ta' sħubijat għas-servizz tas-sigurtà* ........ 23
- *Biex l-Unjoni Ewropea tkun protagonist fuq quddiem tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tat-terroriżmu* ........ 23
- *Non-proliferazzjoni u diżarm* ........ 24
- *Kooperazzjoni multilaterali* ........ 24

3.2. TKABBIR U POLITIKA DWAR IL-PAJJIŻI ĠIRIEN: IL-ĦOLQIEN TA' ŻONA TA' STABBILITÀ U PROSPERITÀ ........ 24

- *Il-Kroazja u t-Turkija* ........ 24
- *Il-Balkani tal-punent* ........ 24
- *Il-Mediterran* ........ 24
- *Id-dimensjoni orjentali* ........ 24

3.3. AĠENDA GĦAL ŻVILUPP SOLIDALI ........ 25

- *Politika ta' l-iżvilupp* ........ 25
- *L-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija dinjija* ........ 25

3.4. PROMOZZJONI TAD-DRITTIJIET UMANI U L-ISTAT TAD-DRITT ........ 25

3.5. PROMOZZJONI TA' REGOLI KUMMERĊJALI BBAŻATI FUQ IT-TRASPARENZA U R-REĊIPROĊITÀ ........ 26

- *L-iżgurar ta' l-aċċess ta' l-intrapriżi Ewropej għas-swieq tal-pajjiżi terzi* ........ 26
- *Promozzjoni ta' konkorrenza internazzjonali ġusta* ........ 26
- *Tkomplija tax-xogħol fuq negozjati bilaterali u riflessjoni fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjizi żviluppati.* ........ 26

3.6. KOSTRUZZJONI TA' SĦUBIJAT ĠODDA MAD-DIVERSI ATTURI FUQ IX-XENA INTERNAZZJONALI ........ 26

- *L-Afrika* ........ 26
- *L-Asja* ........ 27
- *Relazzjonijiet tranżatlantiċi* ........ 27
- *L-Amerika Latina* ........ 27
- *Il-Golf* ........ 27
- *l-EFTA* ........ 27

# INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea trid tilqa' għall-isfidi diversi li qiegħda tiffaċċja. Dawn l-isfidi fil-qasam tal-klima, ta' l-ekoloġija, tal-migrazzjoni, ta' l-ikel, tas-sanità, ta' l-ekonomija u tal-finanzi llum jiffurmaw l-elementi tal-globalizzazzjoni. Huma l-fatturi li l-aktar li jinkwetaw liċ-ċittadini Ewropej li jistennew reazzjoni kollettiva.

L-Unjoni Ewropea għandha l-viżjoni u r-riżorsi għal dan. Għandha valuri qawwija li, sa mill-oriġini ispiraw il-proġett Ewropew u jtuha l-identità tagħha fid-dinja, valuri li għandha tiddefendi u tippromwovi kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra minnha.

Il-Presidenza Franċiża ħejjiet il-programm tagħha bil-għan li tirrispondi għall-preokkupazzjonijiet ewlenin taċ-ċittadini. B'mod partikolari, ġew identifikati erba' prijoritajiet importanti: l-enerġija u l-klima, kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, l-agrikoltura, u s-sigurtà u d-difiża. Lilhinn minn dawn l-erba' assi ewlenin, taħdem ukoll biex jinkiseb progress fis-setturi importanti kollha tal-ħidma ta' l-Unjoni, bħal ma huma l-oqsma ekonomiċi, finanzjarji, soċjali u kulturali kif ukoll fil-livell internazzjonali.

Il-programm li ġej jispjega fid-dettal il-pjanijiet tal-Presidenza Franċiża.

Dawn il-pjanijiet jinkwadraw fil-kontinwità tal-ħidma mwettqa mill-Presidenza Slovena kif ukoll fil-kwadru aktar wiesa' tal-programm maqbul mal-Presidenzi futuri tar-Repubblika Ċeka u ta' l-Iżvezja. Dawn il-pjanijiet iqisu wkoll il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għas-sena 2008. Huma tħejjew b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

F'dak li jirrigwarda t-Trattat ta' Liżbona, il-Presidenza Franċiża twettaq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2008: Il-Kunsill Ewropew għandu jerġa' jittratta din il-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ottubru sabiex jeżamina t-triq li għandha tittieħed; sadanittant huwa importanti li jinkisbu riżultati konkreti fid-diversi oqsma li huma ta' interess għaċ-ċittadini.

## 1. BIEX L-EWROPA SSIR MUDELL TA' ŻVILUPP SOĊJALI, EKOLOĠIKU U EKONOMIKU SOSTENIBBLI

L-Istrateġija mġedda ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjieg hija, għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, ir-risposta ppreferuta għall-isfidi tal-globalizzazzjoni. Huwa f'dan l-isfond li l-Presidenza għandha l-ħsieb li tippromwovi u ssaħħaħ mudell Ewropew għall-iżvilupp soċjali, ekoloġiku u ekonomiku sostenibbli.

Waqt li tagħmel dan, il-Presidenza taġixxi skond id-direzzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew li, b'mod partikolari:

- stabbilixxa d-direzzjonijiet għaċ-ċiklu ta' tliet snin 2008-2010. B'mod partikolari, ikkonferma l-validità tal-linji gwida integrati: fuq din il-bażi, l-Istati Membri għandhom, f'Ottubru ta' l-2008, jippreżentaw il-programmi ġodda ta' riforma nazzjonali tagħhom li għandhom jiġu diskussi kif jixraq fi ħdan l-entitajiet kompetenti tal-Kunsill;

- ħeġġeġ li jitwettqu l-għaxar għanijiet stabbiliti mill-Programm Komunitarju ta' Liżbona. Il-presidenza taderixxi ma' dan sa fejn tkun ikkonċernata;

- stieden lill-Unjoni biex tkompli taħdem biex tiggwida l-globalizzazzjoni billi ssaħħaħ id-dimensjoni esterna ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona.

- sostna mill-ġdid l-importanza tad-dimensjoni soċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tagħmel parti integrali mill-Istrateġija ta' Liżbona. Huwa f'dan il-qafas li l-Presidenza għandha l-ħsieb li tmexxi, b'mod partikolari, id-diskussjoni dwar l-aġenda soċjali mġedda;

- sejjaħ għall-bidu ta' riflessjoni dwar il-futur ta' l-Istrateġija ta' Liżbona lilhinn mis-sena 2010. Il-Presidenza tvara l-ewwel dibattiti, b'mod partikolari fi ħdan il-gruppi tal-koordinaturi nazzjonali ta' Liżbona. Hija għandha taħdem b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u s-sħab tagħha fit-tliet presidenzi.

### 1.1. L-Ewropa u l-isfida tar-riżorsi sostenibbli

- ***Biex l-Ewropa tkun fuq quddiem fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima***

Il-Presidenza timpenja ruħha, skond il-mandat tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2008, biex jintlaħaq, qabel it-tmien tas-sena, ftehim dwar il-proposti ta' pakkett "klima/enerġija", li jkun jikkostitwixxi bażi soda għal politika ambizzjuża Ewropea f'termini tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u biex jiżgura t-tranżizzjoni ta' l-ekonomija ewropea lejn ekonomija bl-aktar livell baxx possibbli ta' emissjonijiet ta' karbonju.

L-erba' proposti li jiffurmaw dan il-pakkett (ir-reviżjoni tad-direttivi ETS, id-deċiżjoni dwar it-tqassim ta' l-obbligi fost l-Istati Membri, id-Direttiva qafas dwar sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli u d-Direttiva dwar il-ħażna ġeoloġika tas-$CO_2$) għandhom jippermettu l-konkretizzazzjoni u t-twettiq ta' l-impenji ambizzjużi msemmija hawn taħt fil-qafas tal-politika integrata fil-qasam tal-klima u l-enerġija. B'mod partikolari huma konformi mat-tliet għanijiet ewlenin stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007:

- Minn issa sa l-2020, l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra jonqsu b'20% - anki 30% jekk in-negozjati internazzjonali dwar ftehim dinji għal wara l-2012 jirnexxu;

- minn issa sa l-2020, il-parti tal-konsum ta' l-enerġija mill-Unjoni li toriġina minn sorsi rinnovabbli tiżdied sa 20%;

- l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tiżdied b'20% minn issa sa l-2020.

L-ilħuq ta' ftehim dwar il-pakkett "klima/enerġija" sa l-aħħar ta' l-2008 ikun ifisser pass kruċjali għall-Unjoni: dak li ssaħħaħ ir-rwol ta' mutur u l-kredibilità tagħha fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima u fit-tiġdid tal-ħeġġa varata f'Bali, sabiex tgħin biex f'Diċembru ta' l-2009, f'Kopenħagen jintlaħaq ftehim dinji ambizzjuż u globali dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012, li jkun kapaċi jillimita, sa l-2050, iż-żieda fit-temperatura medja dinjija sa massimu ta' 2ºĊ meta mqabbel mal-livelli ta' l-epoka preindustrijali. Il-konferenza ta' Poznan, f'Diċembru ta' l-2008, għandha tkun tappa importanti li matulha għandu jkun hemm negozjati prattiċi maħsuba biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għas-suċċess tan-negozjati ta' l-2009 f'Kopenħagen.

Sabiex jinvolvi l-kumplament tad-dinja, il-ftehim Ewropew irid ikun ambizzjuż. Il-Presidenza Franċiża sejra tara li jkun hemm ukoll l-inizjattivi finanzjarji meħtieġa biex il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jaddottaw it-teknoloġiji li jippermettu tkabbir ekonomiku bl-aktar livell baxx possibbli ta' emissjonijiet ta' karbonju. Finalment, l-Unjoni Ewropea għandha tara li jkollha strumenti kredibbli biex tiskoraġġixxi ċerti stati terzi milli jibqgħu 'l bogħod mill-muviment dinji kontra t-tisħin fil-klima.

Il-Presidenza tidħol f'diskussjonijiet kemm dwar il-pakkett "klima/enerġija" u kemm dwar il-preparazzjoni ta' l-iskadenzi internazzjonali, biex tiffavorixxi laqgħat informali bejn il-ministri ta' l-ambjent u ta' l-enerġija li għandhom jinżammu f'Pariġi bejn it-3 u l-5 ta' Lulju.

Fil-preżent, il-Presidenza għandha tfittex ftehim mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tar-regolazzjoni ta' l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-vetturi żgħar u taħdem biex ittemm in-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni f'sistema ta' l-iskambju tal-kwoti tal-gass b'effett serra.

- ***Tisħiħ tas-sigurtà fil-qasam ta' l-enerġija***

Il-politika Ewropea dwar l-enerġija għandha tliet għanijiet: li tagħti kontribut għall-ġlieda kontra t-tisħin tal-klima, li tiggarantixxi l-kompetittività ta' l-ekonomiji Ewropej u d-disponibbiltà ta' enerġija għall-but ta' kulħadd u li saħħaħ is-sigurtà tal-provvisti għall-Unjoni. Sabiex il-politika Ewropea dwar l-enerġija ssir realtà, is-sigurtà u d-diplomazija fil-qasam ta' l-enerġija jridu jitwessgħu u jissaħħu.

F'dan l-isfond, il-Presidenza għandha l-ħsieb li tiffavorixxi it-tisħieħ tas-sigurtà fil-qasam ta' l-enerġija, kemm fid-dimensjoni interna (l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, il-ħolqien ta' żona ta' l-enerġija unifikata u solidali, u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija) u kemm fid-dimensjoni esterna (il-ħolqien ta' sħubija reali mal-pajjiżi kbar produtturi, konsumaturi u ta' tranżitu). Din id-diskussjoni għandha titmexxa flimkien mat-tieni rapport strateġiku mistenni mill-Kummissjoni fil-Ħarifa ta' l-2008.

Fil-qasam intern, b'konformità ma' l-għan li jkun hemm tnaqqis ta' 20% fl-użu ta' l-enerġija bejn issa u l-2020, il-Presidenza għandha l-intenzjoni li tenfasizza t-titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija f'oqsma diversi bħal apparat elettriku *stand-by*, il-bozoz kif ukoll ir-rendiment tal-bini fl-użu ta' l-enerġija. Il-Presidenza tixtieq ukoll li l-Ewropa ssir żona ta' l-enerġija unifikata billi:

- jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea ta' għada u jiġu stabbiliti flimkien l-investimenti meħtieġa.

- ikun hemm l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex l-iskambji ta' l-enerġija bejn l-Istati jkunu flessibbli kemm jista' jkun, b'mod partikolari bis-saħħa ta' l-interkonnessjonijiet u l-kooperazzjoni bejn in-netwerks.

- bl-antiċipazzjoni u l-prevenzjoni flimkien tal-kriżijiet fil-provvista permezz ta' aktar trasparenza, b'mod partikolari dwar il-ħażniet taż-żejt u tal-gass, billi jiġu ppreparati pjanijiet ta' emerġenza f'kull Stat u billi jinħolqu l-istrument komunitarji indispensabbli għall-ġestjoni tal-kriżi.

Fil-qasam estern, is-summits ippjanati matul dawn is-sitt xhur għandhom iwasslu għal djalogu pprivileġġjat ma' diversi pajjiżi terzi produtturi, konsumaturi jew ta' tranżitu (ir-Russja, l-Ukraina, iċ-Ċina, l-Indja), iżda wkoll maż-żoni reġjonali (l-Asja Ċentrali, il-Proċess ta' Baku, Il-Karta ta' l-Enerġija Mediterranja) jew ma' l-OPEC, biex tkun imħeġġa l-kooperazzjoni fl-oqsma ta' l-enerġija u tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

Il-Presidenza taħdem biex tagħti forma lill-kompromess milħuq mill-Kunsill dwar il-proposti tal-pakkett "Is-suq intern tas-suq tal-gass u ta' l-elettriku" u, fuq din il-bażi, tibda ħidma mmirata biex jintlaħaq ftehim mal-Parlament Ewropew.

- ***Tnaqqis tal-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija***

L-ambjent makroekonomiku Ewropew illum huwa effettwat minn żieda qawwija fil-prezz ta' l-enerġija, b'mod partikolari taż-żejt. Dan ġieli jkollu effetti soċjali u ekonomiċi.

Bħala segwitu tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju, il-Presidenza Franċiża, b'kooperazjoni mal-Kummissjoni Ewropea, għandha teżamina l-fattibilità u l-effetti ta' miżuri maħsuba biex jillimitaw l-effetti taż-żieda qawwija fil-prezzijiet taż-żejt u tal-gass u tirrapporta lill-Kunsill Ewropew qabel ma jiltaqa' f'Ottubru.

Dan l-iżvilupp iżid ukoll il-ħtieġa li jiġi addottat malajr kemm jista' jkun il-pakkett dwar il-bdil tal-klima u l-enerġija, fejn hemm numru sew ta' elementi li jistgħu jikkontribwixxu għal titjib fis-sitwazzjoni. Huwa indispensabbli li jkun hemm insistenza fuq l-isforzi biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-ekonomija fl-użu ta' l-enerġija u li jkun hemm diversifikazzjoni fil-provvista ta' l-enerġija lill-Unjoni Ewropea.

- ***Tħaddim ta' politika dwar it-trasport li taqdi l-iżvilupp sostenibbli***

***Trasport sostenibbli***

Il-Presidenza għandha l-ħsieb li tippromwovi, b'konformità mad-direzzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, politika dwar it-trasport li tirrispetta b'mod sħiħ l-iżvilupp sostenibbli. Id-diskussjoni dwar diversi proposti għandu jikkontribwixi għal dan, b'mod partikolari: ir-reviżjoni tad-Direttiva 1999/62/KE dwar it-taxxa fuq vetturi tal-merkanzija kbar li jużaw ċerti infrastrutturi (imsejħa "Eurovignette"); l-użu ta' teknoloġiji ġodda fit-trasport (Galileo, SESAR); il-pjan ta' azzjoni dwar il-mobilità urbana; il-ħolqien ta' suq intern tat-trasport ...

***Trasport mingħajr periklu***

Il-Presidenza taħdem ukoll biex tikseb progress fl-inizjattivi mmirati biex iżidu s-sigurtà fit-trasport: is-sigurtà maritima (pakkett Erika III); is-sigurtà fl-avjazzjoni (it-tieni pakkett ta' Sema Waħda Ewropea); is-sigurtà fit-toroq.

Dwar dan l-aħħar punt, b'mod partikolari, hija għandha tfittex ftehim dwar l-abbozz ta' Direttiva li jkollha l-għan li tiffaċilita proċeduri li jaqsmu l-fruntieri dwar infrazzjonijiet tal-kodiċi tas-sewqan li l-aktar jipperikolaw is-sigurtà. Din il-proposta għandha aspett simboliku u prattiku qawwi: din għandha tgħin b'mod sinifikanti għat-titjib tas-sigurtà fit toroq Ewropej, billi tipprovdi sanzjonijiet għall-infrazzjonijiet li jikkawżaw tliet kwarti ta' l-inċidenti tat-traffiku (veloċità żejda, sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol, nuqqas ta' użu taċ-ċintorin tas-sigurtà u nuqqas ta' waqfien għad-dwal ħomor).

- ***Ħarsien ta' l-ambjent***

Barra mill-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, il-prevenzjoni tat-tniġġiż u tal-perikli tingħata importanza mill-Presidenza. Din għandha ssegwi jew tvara diskussjoni dwar numru kbir ta' testi: il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġiż integrati (IPPC); l-istandards dwar l-emissjonijiet mill-vetturi kummerċjali kbar (Euro VI); il-kwalità tal-fjuwils; l-iskart elettriku u elettroniku, il-komunikat dwar l-iskrappjar tal-bastimenti ...

B'ħidma mill-qrib mal-Kummissjoni, il-Presidenza għandha torganizza l-prosegwiment tad-dibattitu dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament (GMOs), b'mod partikolari dwar it-tisħiħ tal-valutazzjoni fil-livell Ewropew.

Il-Presidenza Franċiża tappoġġa x-xogħol fuq il-pjan ta' azzjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli.

Il-Presidenza tħeġġeġ il-kooperazzjoni Ewropea fil-fora internazzjonali dedikati, b'mod partikolari dawk tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija ssegwi b'mod partikolari l-iżvilupp tad-dibattitu dwar il-ġestjoni internazzjonali ta' l-ambjent fi ħdan l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll in-negozjati internazzjonali dwar il-bijodiversità.

- ***Tħejjija tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni dwar is-sajd għall-isfidi ta' għada***

Fil-kontinwazzjoni tax-xogħol mibdi mill-Presidenza Slovena u fuq il-bażi tad-direzzjonijiet stabbiliti mill-konklużjonijiet tal-Kunsill (Agrikoltura) tas-17 ta' Marzu 2008, il-Presidenza tkompli d-dibattitu dwar il-proposti leġiżlattivi dwar "l-istat tas-saħħa" tal-politika agrikola komuni bil-għan li r-regolamenti l-ġodda jiġu addottati sa l-aħħar tas-sena 2008. Għal dan il-għan hija taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

B'mod parallel, il-Presidenza tistieden lill-imsieħba biex jirriflettu b'mod aktar wiesa' fuq il-problemi u l-għanijiet li, fil-futur, l-agrikoltura u l-politika agrikola ta' l-Ewropa jridu jiffaċċjaw. L-agrikoltura hija effettivament il-qofol tas-soċjetà tagħna. Trid tiffaċċja numru kbir ta' sfidi: tiżgura s-sigurtà fl-alimentazzjoni tal-konsumaturi Ewropej, li tiddependi fuq provvisti regolari, aċċessibbli u garantiti mil-lat sanitarju; tikkontribwixxi għall-bilanċ alimentari dinji; tieħu sehem fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u t-titjib fl-ambjent; tippriserva l-bilanċ fit-territorji tagħna.

Il-Presidenza tidħol għal din ir-riflessjoni prospettiva bħala preparazzjoni għal-laqgħa informali tal-Ministri ta' l-agrikoltura li għandha ssir f'Annecy bejn il-21 u t-23 ta' Settembru.

Ikun hemm enfasi partikolari fuq il-problemi tas-sigurtà sanitarja ta' l-oġġetti ta' l-ikel, tas-saħħa ta' l-annimali u tal-ħarsien tal-ħxejjex. Id-dibattitu dwar diversi suġġetti għandu jgħin f'dan, b'mod partikolari fit-tkomplija tax-xogħol fuq il-"pakkett pestiċidi", it-tisħiħ tas-sigurtà sanitarja fl-importazzjoni tal-prodotti agrikoli u agrosanitarji jew fir-riforma tal-politika dwar is-saħħa ta' l-annimali.

Fuq il-bażi tal-proposti li jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni, il-Presidenza tkun ħerqana li tara li t-tqassim tal-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel isir realtà u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-programm Ewropew ta' għajnuna lil dawk l-aktar fil-bżonn.

Fil-qasam tal-politika dwar is-sajd, barra mid-diskussjoni tad-dikjarazzjoni annwali dwar il-politika ġenerali fuq il-possibiltajiet tas-sajd u l-iffissar tat-totali ta' qbid ammissibbli (TAC), u l-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd matul l-2009, il-Presidenza tkompli jew tvara diskussjonijiet dwar diversi proposti tal-Kummissjoni (regoli dwar miżuri tekniċi, regoli dwar l-infrazzjonijiet serji, regoli dwar il-kontroll tas-sajd, reviżjoni tal-pjan biex l-istokk tal-merluzz jiġi rikostitwit ...), bil-għan li tippromwovi sajd sostenibbli u responsabbli. Ikun hemm ukoll

enfasi partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli ta' l-akwakultura. B'mod ġenerali, il-Presidenza Franċiża taħdem biex ikun hemm progress fil-livell komunitarju fuq risposta adattata għall-kriżi li qegħda tolqot lis-sajd fuq il-bażi tal-proposti mistennija mill-Kummissjoni.

Il-Presidenza tmexxi wkoll, flimkien mal-Kummissjoni, diskussjoni dwar il-metodi ta' ġestjoni tal-kwoti tas-sajd sabiex ikun hemm titjib fis-sostenibbiltà ta' l-istokks tal-ħut.

- **Żvilupp ta' politika marittima aktar koerenti**

Fuq il-bażi tal-Ktieb Blu u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, il-Presidenza tkompli, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007, ix-xogħol fuq il-preparazzjoni u t-tħaddim ta' politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea. Dan għandu jippermetti li l-Unjoni Ewropea tara minn qabel li jkun hemm koerenza fid-diversi azzjonijiet settorjali li hija tmexxi fil-qasam marittimu u li tinkwadrahom fil-viżjoni globali ta' l-ibħra u l-oċeani, fil-qasam tal-prospetti reġjonali.

Il-Presidenza tenfasizza b'mod aktar partikolari l-erba' oqsma ta' azzjoni: it-tisħiħ tal-"governanza" marittima, b'mod partikolari permezz tal-konsolidazzjoni tal-grupp ta' persuni responsabbli ta' livell għoli fuq bażi nazzjonali (*focal points*); il-monitoraġġ marittimu u l-għan b'terminu ta' żmien li jkun hemm netwerk Ewropew għall-monitoraġġ marittimu; il-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar; ir-riċerka marittima u dwar il-baħar.

## <u>1.2. L-Ewropa tas-solidarjetà</u>

- **L-iżvilupp ta' politika għas-servizz tal-koeżjoni soċjali**

Il-Presidenza għandha l-ħsieb li tippromwovi d-dimensjoni soċjali tal-politika Ewropea kif ukoll il-valuri li jikkaratterizzaw il-mudell soċjali Ewropew.

### Aġenda soċjali ġdida

Id-diskussjoni ta' l-aġenda soċjali Ewropea għandha tippermetti li jiġu artikolati l-ambizzjonijiet soċjali ta' l-Ewropa għas-snin li ġejjin. B'mod partikolari, id-dibattitu għandu jippermetti li jiġu ttrattati temi li jistgħu jkunu ġodda jew jeħtieġu l-attenzjoni minn issa 'l quddiem: id-demografija u l-konsegwenzi tagħha fuq is-suq tax-xogħol u l-qagħda ta' l-anzjani; il-globalizzazzjoni u l-pożizzjoni li għandha tieħu l-Ewropa; id-diversità u l-ġlieda kontra l-faqar. Għandu jkun hemm diskussjoni wkoll dwar l-għodod ta' l-Ewropa soċjali: l-istrumenti leġiżlattivi, l-istrumenti finanzjarji, l-istrumenti relatati ma' konvenzjonijiet u metodu miftuħ ta' koordinazzjoni. Din id-diskussjoni jkollha wkoll l-għan li ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-suq intern li hija kundizzjoni essenzjali biex dan jopera kif suppost u għat-tisħiħ tal-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fih.

Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu ttrattati waqt il-laqgħa informali tal-Ministri tal-Kunsill "L-Impjieg, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur" (EPSSCO) li għandha ssir fil-11 u t-12 ta' Lulju.

Finalment, il-Presidenza Franċiża tvara d-diskussjoni dwar il-proposti inklużi fl-aġenda soċjali ġdida ppreżentata mill-Kummissjoni.

### *Il-flessigurtà, l-impjieg, id-dritt għax-xogħol, il-mobilità*

Il-Presidenza Franċiża taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew sabiex jiġi addottat il-kompromess milħuq waqt il-Kunsill EPSSCO tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar iż-żewġ direttivi "l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol" u "ħarsien tal-ħaddiema temporanji".

Il-Presidenza, biex tkabbar l-elementi tat-titjib tal-mobilità ġeografika u vokazzjonali, il-ħarsien tal-karrieri vokazzjonali permezz tat-taħriġ jew l-aċċess għad-drittijiet, taħdem favur l-assimilazzjoni u t-tħaddim tal-prinċipji komuni tal-"flessigurtà" mill-Istati Membri. Għal dan il-għan tagħmel użu mir-riżultat tax-xogħol imwettaq mill-missjoni tripartitika għall-flessigurtà maħtura fi Frar ta' l-2008. Il-missjoni għandha tippreżenta rapport intermedju lill-Kunsill EPSSCO tat-2 u 3 ta' Ottubru u l-konklużjonijiet finali lill-Kunsill EPSSCO tal-15 u s-16 ta' Diċembru.

Il-Presidenza taħdem ukoll favur l-inizjattivi maħsuba biex jiżviluppaw il-mobilità ġeografika. B'mod partikolari, il-Presidenza tfittex li jkun hemm progress fin-negozjati dwar id-direttiva fuq il-portabilità tad-drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar mill-okkupazzjoni, proġett li huwa essenzjali biex jissaħħu d-drittijiet ta' l-impjegati mobbli fl-Ewropa u l-għan tal-mobilità vokazzjonali jsir realtà.

Fil-11 u t-12 ta' Settembru għandha tinżamm konferenza dwar il-mobilità tal-ħaddiema li għandha tippermetti li jiġu ttrattati b'mod simultanju l-kwistjonijiet dwar il-mobilità funzjonali (flessigurtà) u l-mobilità ġeografika (tranżnazzjonali).

Sabiex jiġi żviluppat id-djalogu soċjali fuq livell Ewropew, il-Presidenza tinkoraġġixxi d-djalogu tranżnazzjonali, jekk ikun hemm il-ħtieġa fuq il-bażi ta' proposti mill-Kummissjoni. Il-Presidenza tfittex ukoll ftehim fuq il-proposta ta' reviżjoni tad-Direttiva Nru 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 "Dwar il-ħolqien ta' Kunsill tax-Xogħol Ewropew jew proċedura f'intrapriżi fuq skala Komunitarja jew gruppi ta' intrapriżi fuq skala Komunitarja bil-għan li l-impjegati jiġu infurmati u konsultati": il-Kunsilli tax-Xogħol Ewropej huma, effettivament, fil-qalba ta' l-iżvilupp tar-relazzjonijiet soċjali tranżnazzjonali u jwasslu għal tamiet li dejjem jikbru.

***Il-ġlieda kontra l-faqar***

Il-promozzjoni ta' l-inklużjoni attiva ta' dawk li huma l-aktar aljenati mis-suq tax-xogħol tissodisfa rekwiżit ta' solidarjetà li huwa fil-qalba tal-valuri u ta' l-identità Ewropea. Il-Presidenza tenfasizza dan is-suġġett b'mod partikolari sabiex jiġu identifikati l-prinċipji komuni, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni. Hija taħdem ukoll favur programmi ta' esperimentazzjoni soċjali innovattiva, l-iskambju ta' l-esperjenzi u l-ħolqien ta' netwerks ta' l-eċċellenza Ewropej. F'dan il-kuntest, għandha tinżamm "mejda tonda" Ewropea dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali f'Marsilja fil-15 u s-16 ta' Ottubru u tiddedika x-xogħol tagħha preċiżament għat-tema ta' l-inklużjoni attiva. Din tkun segwita minn laqgħa f'livell Ministerjali fis-16 ta' Ottubru.

***Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni***

Bħala kontinwazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Ugwaljanza fl-Opportunitajiet fl-2007, il-Presidenza Franċiża taħdem biex ikun hemm progress fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Ewropa. Hija taħdem favur in-negozjati u l-ftehim fuq il-proposta mistennija mill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-aġenda soċjali ġdida.

Summit dwar l-Ugwaljanza fl-Opportunitajiet għandu jinżamm f'Pariġi fid-29 u t-30 ta' Settembru.

***L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***

Tibqa' l-ħtieġa li jsiru sforzi biex ikun hemm progress fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari biex ikun hemm titjib fil-kwalità ta' l-impjiegi għan-nisa, biex jispiċċaw id-differenzi persistenti fil-pagi u biex jiġi faċilitat il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja fil-familja.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza tappoġġa l-inizjattivi li l-Kummissjoni għandha tieħu biex tirrevedi d-Direttiva 92/85 tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar il-lif tal-maternità, id-Direttiva 96/34 tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-lif tal-ġenituri kif ukoll id-Direttiva 86/613 dwar l-ugwaljanza fit-trattament għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-professjonijiet agrikoli.

Għandhom jinżammu konferenza u laqgħa ministerjali fuq it-tema ta' l-ugwaljanza vokazzjonali bejn l-irġiel u n-nisa fit-13 u l-14 ta' Novembru.

Il-Presidenza tappoġġa wkoll l-inizjattivi li jkollhom l-għan li jiffavorixxu l-għarfien sħiħ tad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa.

***Is-saħħa***

Il-Presidenza tħosss il-ħtieġa li tenfasizza b'mod aktar partikolari tliet kwistjonijiet importanti:

- il-marda ta' l-Alzheimer: Il-Presidenza tippromwovi kura aħjar għall-morda u l-familji tagħhom billi taħdem fuq tliet linji ta' azzjoni: is-saħħa, is-solidarjetà u r-riċerka. B'ħidma favur dan l-iskambju, taħdem biex jinqasmu l-esperjenzi nazzjonali kif ukoll, jekk ikun il-każ, favur il-koperazzjoni , dwar suġġett li jmiss l-Istati Membri kollha minħabba l-popolazzjoni li qegħda tixjieħ Fit-30 u l-31 ta' Ottubru għandha ssir konferenza kbira Ewropea dedikata għal dan is-suġġett f'Pariġi;

- it-tisħiħ tas-sigurtà sanitarja fl-Ewropa: fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fil-preparazzjoni għal pandemija ta' l-influwenza, għandu jkun hemm, waqt li tiġi rispettata s-sussidjarjetà, tiftix ta' metodi li jtejbu l-koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-perikli sanitarji ta' ċertu kobor fi ħdan l-Unjoni. Din it-tema tiġi diskussa waqt laqgħa informali tal-ministri inkarigati mis-saħħa ppjanata għat-8 u d-9 ta' Settemberu f'Angers;

- L-Ewropa tas-saħħa għas-servizz tal-pazjenti: IL-Presidenza Franċiża tara li jkun hemm progress fix-xogħol fuq il-proposta mistennija mill-Kummissjoni.

***Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u servizzi soċjali ta' interess ġenerali***

Is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni.

Il-Presidenza Franċiża għandha wkoll il-ħsieb li tkompli d-diskussjoni dwar il-ħarsien ġuridiku tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali sabiex jiġi żgurat li l-ispeċifiċità tal-missjoni tagħhom u l-karatteristiċi tagħhom jiġu kkunsidrati fil-pjanijiet settorjali. Forum Ewropew dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali għandu jinżamm fit-28 u d-29 ta' Ottubru.

- ***Viżjoni ġdida għall-politika ta' koeżjoni***

Il-Presidenza Franċiża tara li jkun hemm progress fid-diskussjoni dwar il-Politika għall-Koeżjoni, fil-kontinwazzjoni tax-xogħol li twettaq, b'mod partikolari, matul il-laqgħa informali ta' Açores (Novembru 2007) u, wara, l-Konferenza dwar il-Futur tal-Politika għall-Koeżjoni (April 2008).

Il-Presidenza Franċiża tiżgura wkoll li jiġu segwiti l-Aġenda Territorjali u l-Karta ta' Leipżig għal żvilupp urban sostenibbli. Għal dan il-għan, tipproponi inizjattivi, bħall-addozzjoni ta' "karatteristiċi ta' belt sostenibbli" ibbażati fuq kriterji tekniċi u fuq indikaturi operazzjonali li jikkaratterizzaw belt sostenibbli.

Il-Presidenza Franċiża tkompli d-diskussjoni varata mill-komunikat dwar "*Strateġija għar-Reġjuni Ultraperiferali: rendikont u perspettivi*" u li tirriżulta mill-konklużjonijiet mistennija mill-

konsultazzjoni pubblika. Effettivament, ikun ta’ ġid jekk tingħata importanza akbar lill-assi ta’ dawn ir-reġjuni u r-rwol li jista’ jkollhom fl-Unjoni Ewropea, per eżempju fl-oqsma tal-bijodiversità, tal-politika marittima, jew fil-ġestjoni tal-bidla fil-klima.

Bl-istess mod, il-Presidenza taħdem biex ikun hemm progress fid-diskussjonijiet dwar ir-relazzjonijiet futuri mal-pajjiżi u t-territorji lilhinn mill-baħar.

### 1.3. Ewropa innovattiva u kompetittiva

- ***L-Ewropa ta’ l-għarfien u l-mobilità***

L-edukazzjoni, it-taħriġ u l-innovazzjoni jiffurmaw il-kolonni tas-soċjetà ta’ l-għarfien li fuqhom l-Ewropa trid issaħħaħ l-investiment tagħha u tiżvilppa l-valur miżjud; huma jagħtu kontribut importanti għall-isforzi għal żieda fit-tkabbir ekonomiku, l-impjieg, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa u huma konformi b’mod sħiħ ma’ l-Istrateġija ta’ Liżbona; għandhom rwol fundamentali favur l-inklużjoni taż-żgħażagħ u t-taħriġ mill-ġdid ta’ l-impjegati f’soċjetajiet u ekonomiji li dejjem isiru aktar kumplessi.

L-isforz biex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandu jsir fi-qafas komunitarju permezz tat-tisħiħ tar-rwol ta’ l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istrateġija ta' Liżbona, ta' l-adozzjoni, fl-Istati Membri, ta' strateġiji għall-edukazzjoni u t-taħriġ matul il-ħajja, tal-promozzjoni ta' l-innovazzjoni u l-kreattività sabiex jikkontribwixxu għat-trijangolu ta’ l-għarfien (edukazzjoni, innovazzjoni, riċerka), kif ukoll bit-tisħiħ ta’ l-ispazji Ewropej għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ta' l-edukazzjoni għolja u tar-riċerka li huma essenzjali sabiex is-sistemi edukattivi Ewropej jibqgħu attraenti fuq livell dinji.

Il-ħolqien ta’ żona ta' għarfien u ta' mobilità jitlob ukoll it-tisħiħ ta’ l-irbit bejn iċ-ċittadini Ewropej, li jsir bl-istudju, l-kwalifikazzjoni u l-użu ta’ diversi lingwi. Il-Presidenza Franċiża tagħti attenzjoni partikolari għad-diversità lingwistika.

***Promozzjoni tal-mobilità ta’ l-istudenti u l-apprendisti***

L-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja ġenerali fil-livell Ewropew hija tema li l-Presidenza Franċiża tixtieq tenfasizza, sabiex tinkoraġġixxi l-iskambji ta’ l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi. F’dan il-kuntest, taħdem għall-finalizzazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-programm “Erasmus Mundus 2009-2013”. F’Settembru għandha tinżamm konferenza fi Strasburgu li matulha t-tema ta’ l-assigurazzjoni tal-kwalità, tiġi ttrattata speċifikament.

Il-Presidenza Franċiża tagħti attenzjoni partikolari għall-mobilità ta’ l-apprendisti. Il-metodi għat-tisħiħ ta’ din il-mobilità għandhom jiġu diskussi waqt konferenza Ewropea dwar “it-taħriġ inizjali ta’ żgħażagħ li jistudjaw waqt ix-xogħol (*sandwich course*): biex il-mogħdija tat-tagħlom tkun aktar Ewropea" li jinżamm f’Novembru 2008 bħala parti mill-Esibizzjoni Ewropea ta’ l-Edukazzjoni.

***Aktar ħeffa fil-ħolqien ta’ żona Ewropea vera tar-riċerka***

Wieħed mill-aktar għanijiet importanti tal-Presidenza Franċiża għandu jkun li jkun hemm aktar ħeffa fil-ħolqien taż-żona Ewropea tar-riċerka u li tkun aktar effikaċi, għan li jagħmel parti mill-“Proċess ta’ Ljubljana” varat mill-Presidenza Slovena.

Il-Presidenza Franċiża tixtieq ukoll li jkun hemm konklużjonijiet dwar l-istrateġija tal-programmazzjoni konġunta, il-mobilità tar-riċerkaturi u l-istrateġija ta' kooperazzjoni internazzjonali fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Hija għandha l-ħsieb li tilħaq ftehim dwar il-

qafas ġuridiku ta' infrastrutturi ġodda tar-riċerka panewropej. Dwar il-kwistjoni ta' l-infrastrutturi tar-riċerka l-kbar, taħdem fuq binarji oħrajn biex ikun hemm viżjoni strateġika komuni.

Il-Presidenza Franċiża tagħti bidu wkoll għal xogħol immirat biex jistabbilixxi "Viżjoni sa' l-Orizzont ta' l-2020" taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. F'dan il-kuntest, id-diskussjonijiet ministerjali għandhom ikunu dwar l-isfidi ewlenin li tiffaċċja r-riċerka Ewropea, sabiex jiġu stabbiliti l-orjentazzjonijiet dwar it-temi ta' prijorità bħal ma huma l-enerġija u l-bidla fil-klima, l-ikel u l-agronomija, is-saħħa u l-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ jew is-soċjetà tat-tagħrif.

***Użu sħiħ mill-esperjenzi tal-Proċess ta' Kopenħagen fil-qasam tat-tagħlim u t-taħriġ vokazzjonali***

Konsultazzjoni dwar "is-sistema ta' l-akkumulazzjoni u t-trasferiment tal-krediti għall-edukazzjoni u-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa (ECVET)" inżammet fil-pajjiżi Ewropej li pparteċipaw fil-Proċess ta' Kopenħagen. Dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' rakkomandazzjoni kif ukoll abbozz ta' rakkomandazzjoni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità fit-taħriġ vokazzjonali. Il-Presidenza Franċiża tfittex li jkun hemm deċiżjoni dwar dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet.

Il-laqgħa informali tal-ministri f'Novembru 2008 f'Bordeaux għandha tkun okkażjoni biex jinġibed bilanċ komprensiv dwar il-Proċess ta' Kopenħagen li jikkunsidra l-esperimentazzjonijiet li għaddejjin kemm fil-kuntest Ewropew taċ-ċertifikazzjoni dwar it-tħaddim tas-sistemi nazzjonali kif ukoll fil-kuntest ta' din is-sistema ġdida Ewropea tal-krediti ta' tagħlim għat-taħrig professjonali. It-taħriġ kontinwu fil-kuntest fil-livell universitarju jiġi diskuss ukoll matul din il-laqgħa informali flimkien ma' l-inizjattiva ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Universitajiet Ewropej dwar dan is-suġġett.

***Biex kulħadd ikun jista' jagħżel it-triq edukazzjonali u vokazzjonali tiegħu***

Il-Presidenza Franċiża taħdem fuq it-tema ta' l-orjentazzjoni, tat-tagħrif u tal-*guidance* sabiex tiffaċilita t-trasferimenti bejn toroq edukattivi u l-evoluzzjoni tal-karrieri vokazzjonali. Dawn l-isforzi għandhom iwasslu għal tnaqqis fin-numru tal-persuni li jħallu s-sistema skolastika mingħajr kwalifiki u jinkoraġġixxu s-suċċess. F'Settembru ta' l-2008, il-Presidenza torganizza konferenza dwar dan is-suġġett f'Lyons.

***L-opportunitajiet fil-qasam ta' l-ispazju***

L-ispazju huwa element qawwi għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività għall-industrija Ewropea. Il-Presidenza Franċiża tinkoraġġixxi wkoll l-iżvilupp u d-dinamiżmu ta' dan is-settur promettenti.

Permezz ta' l-iżvilupp tal-programmi Galileo u GMES (*Global Monitoring for Environment and Security*), numbru kbir ta' applikazzjonijiet, għal numru ta' snin, jistgħu jaqdu liċ-ċittadini kemm fil-livell ta' titjib fl-osservazzjoni ta' tagħrif marbut ma' l-ambjent kif ukoll bil-għan li jkun hemm ġestjoni aħjar tal-perikli naturali u industrijali. Il-forum GMES li għandu jinżamm f'Lille f'Settembru 2008 jimmarka l-varar ta' l-ewwel servizzi GMES u jippermetti li l-utenti jiġu ppreżentati bil-benefiċċji mistennija. Il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata fil-Kunsill dwar il-Kompetittività f'Diċembru 2008.

Il-Presidenza Franċiża tixtieq ukoll tara li r-rwol ta' l-Unjoni Ewropea bħala attur ewlieni fil-politika dwar l-ispazju jikber permezz ta' politika ambizzjuża, awtonoma u koerenti.

Laqgħa informali tal-ministri ewropej inkarigati mill-ispazju, li tinvolvi wkoll il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, għandha tinżamm fil-Port Spazjali Ewropew f'Kourou fil-21 u t-22

ta' Lulju 2008. Din għandha tippermetti li jkun hemm diskussjoni dwar prijoritajiet ġodda li l-Unjoni Ewropea tista' tiżviluppa fil-qasam ta' l-ispazju dwar, per eżempju, il-bidla fil-klima, is-sigurtà u l-kompetittività.

- ***L-Ewropa l-kompetittività***

Il-Presidenza Franċiża tippromwovi l-kompetittività Ewropea fid-dimensjonijiet kemm interni kif ukoll esterni.

Hija tfittex ftehim dwar il-miżuri favur l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) - is-"*Small Business Act* Ewropew) – proposta mill-Kummissjoni. Il-Presidenza għandha l-ħsieb li taħdem, b'mod partikolari, fuq l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għall-SMEs innovattivi, fuq l-integrazzjoni tas-suq intern favur l-SMEs, b'mod partikolari permezz ta' l-adozzjoni tas-sistema tal-Kumpanija Privata Ewropea kif ukoll fuq ħarsien aħjar tad-drittijiet fuq il-proprjetà industrijali u l-promozzjoni ta' l-intraprenditorija. Hija tkompli l-isforzi biex l-SMEs ikollhom aċċess aktar faċli għall-appalti pubbliċi u għas-simplifikazzjoni ta' l-ambjent amministrattiv u ġuridiku għall-SMEs.

IL-Presidenza Franċiża tmexxi x-xogħol fuq il-politika industrijali sostenibbli ppreżentata mill-Kummissjoni. Effettivament, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi tfisser opportunità kbira għall-industrija Ewropea, u mhux biss aktar spejjeż. L-Ewropa tista' tiffaċilita din it-tranżizzjoni u tibdilha f'vantaġġ kompetittiv permezz tal-promozzjoni ta' teknoloġiji b'livell ta' karbonju baxx, il-ħolqien ta' normi u standards komuni fil-qasam tar-rendiment ambjentali u l-istimulazzjoni tat-talba. L-għan huwa li l-industrija Ewropea tkun tista' tibbenefika b'mod sħiħ mis-swieq u opportunitajiet ekonomiċi ġodda u tkun fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni lejn ekonomija "ħadra". Fil-qasam fiskali, il-Presidenza Franċiża tmexxi d-diskussjoni dwar il-possibilità li tiġi introdotta taxxa tal-VAT b'rata mnaqqsa fuq il-prodotti "ħodor" ibbażata fuq il-komunikat mistenni mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-*clusters* tal-kompetittività huma għodda importanti tal-kompetittività u l-ekonomija. Skond komunikat tal-Kummissjoni dwar il-"*clusters*", il-Presidenza Franċiża għandha teżamina l-metodi ta' appoġġ għall-ħolqien ta' ċentri Ewropej ta' daqs dinji.

Il-Presidenza Franċiża tara li jitkomplew l-isforzi għat-tħaddim ta' l-infrastrutturi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni, li huma ta' importanza strateġijka għall-kompetittività ta' l-Ewropa, b'mod partikolari għal sistemi fissi u mowbajl ta' veloċità għolja.

Barra minn hekk, il-Presidenza Franċiża tfittex li jkun hemm ftehim dwar ir-reviżjoni li qiegħda ssir fil-qafas regolatorju Ewropew tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettroniċi ("It-tielet Pakkett dwar it-Telekomunikazzjoni"), element ewlieni għal Ewropa kompetittiva.

- ***Ewropa li tħares l-interessi ta' l-intraprendituri u l-konsumaturi tagħha***

Bħala segwitu tal-komunikat tal-Kummissjoni "*Suq Wieħed għall-Ewropa tas-Seklu Wieħed u Għoxrin*" ta' l-20 ta' Novembru 2007, il-Presidenza taħdem għat-tisħiħ tas-suq intern, b'attenzjoni partikolari għat-tneħħija ta' l-ostakli għall-iskambji u għall-ħarsien tal-konsumatur.

Il-Presidenza Franċiża tkompli wkoll l-isforzi tal-Presidenza Slovena favur sistema ġuridika waħdanija għall-brevetti li tfisser titjib reali għall-intrapriżi u, b'mod partikolari għall-SMEs. Hija taħdem biex ikun hemm progress fil-għan li jinħoloq brevett komunitarju, li jista' jkun ta' karattru uniku fit-territorju kollu ta' l-Unjoni u bi spiża li tintlaħaq minn kulħadd, li jiggarantixxi sigurtà ġuridika massima u jħares il-bilanċi lingwistiċi attwali.

Il-Presidenza għandha l-ħsieb li ssaħħaħ il-glieda kontra l-falsifikazzjoni fil-livell komunitarju, sabiex tilqa' għall-periklu li din ikollha effett fuq is-saħħa, is-sigurtà, l-ekonomija, l-impjiegi jew il-kreattività. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jiġu mobilizzati dwar din il-kwistjoni.

Bħala segwitu tal-komunikat mistenni mill-Kummissjoni, il-Presidenza tipproponi pjan integrat għall-perjodu 2009-2011 skond diversi assi ewlenin, fosthom il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni perikoluża għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u l-ġlieda kontra l-globalizzazzjoni tal-fenomenu, b'mod partikolari fil-qasam ta' negozjati ma' stati terzi. Hija tappoġġa l-ħolqien ta' ċentru Ewropew għall-monitoraġġ tal-falsifikazzjoni.

Il-Presidenza tkompli x-xogħol mibdi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, b'mod partikolari permezz tat-tħaddim ta' l-iżdoganament ċentralizzat. Fl-okkażjoni ta' l-40 anniversarju ta' l-Għaqda Doganali Ewropea, il-Presidenza tenfasizza r-rwol futur tas-sistema tad-dwana.

Il-Presidenza tara li jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur fi ħdan is-suq intern. Hija tappoġġa, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' reviżjoni ta' l-acquis tal-Komunità fil-qasam tal-ħarsien tal-Konsumaturi kif ukoll l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar valutazzjoni regolari Ewropea fil-kwistjonijiet tal-konsumatur. Il-Presidenza tara li jkun hemm progress dwar il-proposta ta' regolament dwar it-tagħrif għall-konsumatur dwar l-oġġetti ta' l-ikel, kif ukoll dwar ir-regolament dwar oġġetti ta' l-ikel ġodda. Il-Presidenza taħdem biex jintlaħaq ftehim mal-Parlament Ewropew bejn issa u l-aħħar tas-sena fuq il-proposta leġiżlattiva li tirrigwarda s-sigurtà tal-ġugarelli, li qiegħda tiġi diskussa.

Il-Presidenza ssegwi l-inizjattiva "Leġiżlazzjoni aħjar". Hija tixtieq, b'mod partikolari, tenfasizza l-aċċess għall-ġustizzja biex il-leġiżlazzjoni komunitarja tkun aktar aċċessibbli.

Il-Presidenza taħdem biex ikun hemm progress fl-inizjattivi ta' natura fiskali, b'mod partikolari meta jiġu identifikati xi ostakli għall-operat tas-suq intern. B'mod partikolari, tixtieq tara li jkun hemm progress fid-diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tas-sistema applikabbli għas-servizzi finanzjarji fil-qasam tal-VAT u għar-reviżjoni tar-regoli applikabbli għat-taxxi fuq il-fjuwils. Il-Presidenza tfittex ukoll li jintlaħaq ftehim politiku dwar Direttiva li l-Kummissjoni għandha tipproponi f'Lulju dwar rati tal-VAT mnaqqsa.

Il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali huwa mezz ieħor biex jitneħħew l-ostakli għas-suq intern. F'dan il-qasam, il-Presidenza taħdem biex ikun hemm progress fix-xogħol immirat biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fid-Direttiva dwar id-dħul mit-tifdil, biex tappoġġa x-xogħol maħsub biex isaħħaħ l-istrumenti tal-ġlieda kontra l-frodi fil-qafas tas-sistema attwali tal-VAT, b'mod li jitħaddmu malajr kemm jista' jkun u, fl-aħħar nett, biex tappoġġa l-ħolqien ta' struttura ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi fil-VAT (Eurofisc).

### <u>1.4. Ewropa ekonomika u finanzjarja għas-servizz tat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg</u>

- ***Tisħiħ ta' l-istabbilità finanzjarja***

L-iżvilupp u l-integrazzjoni akbar tas-swieq finanzjarji ppermettew marġini ta' manuverabilità addizzjonali għall-finanzjament ta' l-ekonomija waqt li kien hemm titjib fil-qsim tar-riskji. Madankollu, it-taħwid li seħħ wara s-Sajf ta' l-2007 jenfasizza kemm hija kbira l-ħtieġa li tissaħħaħ l-istabbilità u t-trasparenza tas-sistema finanzjarja u li jiġu rmedjati n-nuqqasijiet.

Il-Presidenza Franċiża taddotta r-*road map* għall-istabbilità finanzjarja, billi tinsisti fuq il-ħtieġa ta' aktar trasparenza fis-swieq, fuq responsabbiltà akbar mid-diversi atturi fl-isfera finanzjarja u fuq il-ħolqien ta' superviżjoni adegwata tal-gruppi finanzjarji tranżewropej.

Fil-qasam tat-trasparenza, għandu jkun hemm sforz partikolari mill-personal u l-awtoritajiet ikkonċernati biex jiġi żgurat li l-investituri jkollhom tagħrif komplet u leġibbli. Il-Presidenza Franċiża tfittex ftehim dwar l-aġenziji tal-valutazzjoni tal-kreditu sabiex tinħoloq sistema ta' kontroll effikaċi fil-livell Ewropew. Il-Presidenza Franċiża tinsisti wkoll fuq il-ġestjoni tal-

likwidità u t-trattament ta’ l-operazzjonijiet ta’ *securisation* fil-qasam tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Adegwatezza tal-Fondi. Dan ix-xogħol għandu jitmexxa b’koordinazzjoni ma’ dak li qiegħed jitwettaq fil-livell internazzjonali, fejn il-Presidenza tfittex pożizzjonijiet komuni.

- ***Titjib fis-sistema ta’ superviżjoni Ewropea***

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex issaħħaħ is-superviżjoni tal-gruppi finanzjarji li jaqsmu l-fruntieri u biex tappoġġa l-applikazzjoni konverġenti, fit-territorju Ewropew kollu, tal-leġiżlazzjoni finanzjarja. B’mod partikolari, fir-rigward ta' l-assigurazzjoni, tara li l-adozzjoni tas-"*Solvency II*" tippermetti l-armonizzazzjoni tal-prattiċi tal-kontroll, sabiex ikun hemm progress fl-integrazzjoni tas-suq Ewropew ta’ l-assigurazzjoni u biex ikun hemm ħarsien aħjar tal-persuni assigurati.

- ***Għall-integrazzjoni finanzjarja ta’ l-Ewropa***

Is-servizzi finanzjarji bl-imnut jikkostitwixxu aspett importanti tal-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni Ewropea iżda għadhom mhux integrati biżżejjed. F’dan il-kuntest, il-Presidenza Franċiża taħdem biex tissodisfa l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini Ewropej, b’mod partikolari permezz ta’ l-inizjattiva varata fuq il-livell Ewropew għat-tneħħija ta’ l-ostakli għall-mobilità bankarja u bl-inkoraġġiment ta’ l-isforzi maħsuba biex jibnu l-“Ewropa tal-pagamenti”.

Fil-qasam tas-servizzi *back-office*, lilhinn mix-xogħol fuq il-proġett “*Target 2 Securities*” tas-sistema Ewropea tal-banek ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew, il-Presidenza Franċiża titlob lill-Kunsill li jivvaluta l-inizjattivi Ewropej sabiex ikun hemm aktar komparabbiltà fil-prezzijiet kif ukoll aktar armonizzazzjoni ġuridika u fiskali u sorveljanza prudenti aħjar fil-livell Ewropew.

Il-Presidenza taħdem favur l-introduzzjoni ta’ passaport Ewropew għall-benefiċċju tal-kumpanji ta’ ġestjoni fl-okkażjoni ta’ l-emenda tad-Direttiva OPCVM, sabiex is-suq waħdieni fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja finalment isir realtà.

- ***Unjoni ekonomika u monetarja li taħdem sew***

Matul il-Presidenza Franċiża se jkun hemm diversi skadenzi importanti għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM).

Din is-sena l-UEM tagħlaq għaxar snin, fi żmien meta l-munita unika tidher li għamlet suċċess anki jekk għad baqa’ l-isfidi biex jiġi żgurat li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja taħdem sew għas-servizz tat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg. F’dan il-kuntest, b’segwitu tal-komunikat tal-Kummissjoni u tax-xogħol li diġà sar matul il-Presidenza Slovena, il-Presidenza Franċiża taħdem sabiex il-Kunsill jagħmel progress, b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' l-Euro, dwar il-proposti ppreparati mill-Kummissjoni. Il-Presidenza Franċiża tagħti importanza partikolari għal koordinazzjoni aħjar taż-żona Euro, b’mod partikolari permezz ta’ djalogu msaħħah mas-sħab soċjali, sabiex tingħata kunsiderazzjoni akbar lit-tibdiliet ekonomiċi taż-żona fir-rigward tas-suq tax-xogħol u l-kompetittività. Hija taħdem favur it-tisħiħ tar-rwol taż-żona euro fil-qasam finanzjarju internazzjonali, fit-tisħiħ tal-progress li sar fl-2007, u billi tieħu vantaġġ mis-summits ta’ l-Unjoni ma’ pajjiżi terzi (UE-Ċina, ASEM...), li jippermettu lill-Unjoni li turi li kapaċi tħares l-interessi fundamentali tagħha.

Matul is-sitt xhur, il-Presidenza tmexxi x-xogħol dwar it-tħaddim tal-Patt ta’ l-Istabbilità u t-Tkabbir Ekonomiku, b’mod partikolari il-proċeduri dwar id-*deficit* pubbliku eċċessiv. Fil-qasam ta’ l-Istrateġija ta’ Liżbona mġedda fl-2005, il-Kunsill jipproċedi għal skambju ta’ opinjonijiet

dwar temi orizzontali ta' interess komuni għall-Unjoni, fuq il-bażi tal-programmi ta' riforma nazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri fil-Ħarifa.

Fil-qasam ta' l-istatistika, il-Presidenza Franċiża tkompli x-xogħol li diġà għaddej, b'kontinwità mal-presidenzi preċedenti u tittama li jkun hemm l-progress fuq ir-regolamenti kollha attwalment fil-proċess ta' diskussjoni.

Fl-aħħar nett, matul il-Presidenza Franċiża għandu jinħatar President ġdid tal-Grupp ta' l-Euro.

## 2. EWROPA AKTAR SENSITTIVA GĦAD-DRITTIJIET, GĦAS-SIGURTÀ U GĦALL-ASPIRAZZJONIJIET TAĊ-ĊITTADINI

### 2.1. Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

L-iżvilupp ta' żona komuni ta' ġustizzja, ta' libertà u ta' sigurtà sar dimensjoni essenzjali għall-kostruzzjoni Ewropea, li sserraħ fuq il-bilanċ bejn iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-persuni, it-tisħiħ tas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet individwali. B'fedeltà lejn dan il-bilanċ, il-Presidenza Franċiża hija determinata li tagħti l-kontribut tagħha fl-iżviluppi ġodda.

Fit-tieni nofs tas-sena 2008, hija l-Presidenza Franċiża li trid tara li jkomplu l-isforzi mibdija matul dawn l-aħħar snin biex l-Unjoni jkollha l-istrumenti meħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet inkarigati mill-ġustizzja u mis-sigurtà fl-Istati Membri u biex tipprepara għall-futur.

F'dan ir-rigward, għandhom jiġu ppreżentati, fit-tieni sitt xhur, ir-riżultati tax-xogħol tal-"grupp dwar il-futur", li ppermettu lill-Ministri ta' l-Intern u ta' l-Immigrazzjoni, min-naħa, u, fuq inizzjattiva Franċiża, tal-Ġustizzja min-naħa l-oħra, li jiddiskutu l-prinċipji ewlenin li għandhom jispiraw l-istadju li jmiss fil-kostruzzjoni ta' l-ispazju komuni tagħna.

- ***Impenn politiku mġedded dwar il-kenn u l-immigrazzjoni***

F'Diċembru ta' l-2007, il-Kunsill Ewropew ħass li l-iżvilupp ta' politika ġenerali Ewropea fil-qasam tal-migrazzjonijiet jibqa' prijorità fundamentali ta' l-Unjoni u, bħala konsegwenza, enfasizza l-ħtieġa ta' impenn politiku mġedded f'dan il-qasam. Il-Presidenza Franċiża tirrispondi għal din is-sejħa billi tipproponi lill-Istati Membri li jaddottaw, fil-Kunsill Ewropew, Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Kenn.

Dan il-patt ikollu l-għan li jqiegħed il-pedamenti ta' politika komuni msaħħa fl-ispirtu ta' responsabbiltà u ta' solidarjetà, li sserraħ fuq it-tliet aspetti ta' l-Approċċ Globali dwar il-migrazzjonijiet li tinkludi organizzazzjoni aħjar tal-migrazzjonijiet legali, il-ġlieda aktar effikaċi kontra l-immigrazzjoni irregolari u l-promozzjoni ta' sħubija mill-qrib bejn il-pajjiżi ta' l-oriġini, ta' tranżitu u tad-destinazzjoni tal-migranti.

Indipendentament mill-qsim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, li għandu jiġi rispettat, id-deċiżjonijiet meħuda minn stati individwali jkollhom, fil-qasam taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-persuni, konsegwenzi fuq l-istati l-oħrajn. F'dan l-ispirtu, il-Patt ikun jikkonsisti f'diversi impenji politiċi sodi li l-osservanza tagħhom tkun żgurata mill-Kunsill Ewropew.

B'dan il-mod, fl-isfond tal-Patt, il-Presidenza Franċiża ssejjaħ għall-organizzazzjoni ta' l-immigrazzjoni legali, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-kapaċitajiet ta' akkoljenza ta' l-Istati Membri, għal ħidma favur l-integrazzjoni, għal ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari permezz tad-deportazzjoni effettiva ta' l-immigranti illegali, għal ħarsien aħjar ta' l-Ewropa permezz ta' żieda fl-effikaċità tal-kontrolli fil-fruntieri, għall-bini ta' Ewropa tal-Kenn u għall-ħolqien ta' sħubija mal-pajjiżi ta' l-oriġini u tat-tranżitu ta' l-immigranti għat-tisħiħ ta' l-iżvilupp tagħhom.

Naturalment, il-Presidenza Franċiża taħdem biex jingħata aspett konkret għall-orjentazzjonijiet ewlenin tal-Patt dwar l-immigrazzjoni u l-kenn:

- fil-qasam tal-migrazzjonijiet legali, taħdem biex jintemmu n-negozjati dwar il-proposta ta' Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u taż-żmien li jagħmlu fil-pajjiż ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin li għandha l-għan li ssaħħaħ, permezz ta' l-introduzzjoni ta' miżuri favur il-mobilità tal-persuni kkonċernati fiż-żona komuni, il-ġibda ta' l-Unjoni Ewropea;

- Fir-rigward ta' l-integrazzjoni, hija għandha torganizza konferenza ministerjali dwar l-integrazzjoni fit-3 u l-4 ta' Novembru, sabiex tikkontribwixxi għat-tħaddim ta' l-aġenda Ewropea f'dan il-qasam;

- fir-rigward ta' l-immigrazzjoni illegali, tfittex ftehim fl-ewwel qari dwar il-proposta ta' Direttiva li tintroduċi sanzjonijiet fuq l-impjegaturi ta' barranin f'qagħda irregolari. Tali miżura tidher li hija element indispensabbli għal politika ta' deportazzjoni aktar effikaċi, billi tgħin fil-ġlieda kontra t-talba għal xogħol klandestin li huwa inċentiv għall-immigrazzjoni irregolari.

- fil-qasam tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni, tkompli x-xogħol biex l-Aġenzija għall-ġestjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fil-fruntieri esterni, il-Frontex, twettaq b'mod sħiħ il-missjoni tagħha u ssir strument aktar effikaċi tas-solidarjetà ta' l-Unjoni bħala appoġġ għall-Istati Membri f'sitwazzjoni ta' kriżi. Permezz ta' diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill ta' Amministrazzjoni ta' l-Aġenzija, din, waqt li tqis l-ispeċifiċità tas-sitwazzjonijiet fuq il-fruntieri terrestri u aerji ta' l-Unjoni, tara kif tista' ssaħħaħ ir-rwol operazzjonali tagħha.

- il-politika komuni dwar il-viżi għandha tiġi segwita bir-reqqa, bil-għan li tiġi adottata l-Kodiċi Komunitarja u biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' Sistema ta' Tagħrif dwar il-Viżi (VIS) u, b'mod partikolari, l-użu tal-bijometrija. Għandu jkun hemm sforz għar-reċiproċità, b'mod partikolari permezz ta' l-estensjoni tal-programm Amerikan għall-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini Ewropej li s'issa m'għandhomx aċċess għalih.

- fir-rigward tal-kenn, il-Presidenza Franċiża tiddedika l-isforzi tagħha għall-varar ta' fażi ġdida fil-ħolqien ta' sistema Ewropea komuni, skond il-Pjan ta' Azzjoni li l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat f'Ġunju. Għal dan il-għan torganizza konferenza ministerjali fit-8 u d-9 ta' Settembru li għandha tippermetti skambji bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Mingħajr ma tinsa l-għanijiet ta' proċedura komuni u ta' status uniformi, tiżgura l-promozzjoni ta' miżuri ta' karattru prattiku li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-Istati Membri b'mod partikolari l-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew. Fl-aħħar nett, tara li jiġu diskussi l-proposti leġiżlattivi oħrajn li l-Kummissjoni tista' tipproponi, qabel it-tmiem ta' l-2008, kemm fejn jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-akkoljenza ta' dawk li jitolbu l-kenn kif ukoll dwar id-determinazzjoni ta' l-istat responsabbli mit-talba għall-kenn (DUBLIN) u l-Eurodac;

- Il-laqgħa tat-tieni Konferenza Ewroafrikana dwar il-Migrazzjonijiet u l-iżvilupp, f'Pariġi fl-20 u l-21 ta' Ottubru li ġej, għandha tkun okkażjoni biex jiġi varat mill-ġdid il-Pjan ta' Azzjoni adottat f'Rabat, f'Lulju ta' l-2006, u biex jingħata direzzjoni aktar konkreta. Din il-laqgħa jkollha l-mira li jiġu identifikati l-proġetti maħsuba biex jagħmlu realtà s-sħubija bejn il-pajjiżi ta' l-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni tal-migranti, fit-tliet oqsma ttrattati fl-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjonijiet. Dan l-Approċċ Globali, barra minn hekk, għandu jiġi valutat, skond komunikat tal-Kummissjoni, fil-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2008.

Il-miżuri kollha jagħmlu parti mill-kontinwità tal-programmi ta' Tampere (1999-2003) u ta' La Haye (2004-2009) kif ukoll tal-komunikat tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju dwar politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-Ewropa. Huma jiffurmaw l-elementi ta' politika komuni dwar il-migrazzjonijiet effikaċi u bilanċjata.

- ***Ewropa b'aktar sigurtà għaċ-ċittadini tagħha***

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex tiżdied l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-kriminalità u n-nuqqas ta' sigurtà fl-aspetti kollha tagħha:

- fil-ġlieda li tgħaqqad l-Istati Membri kontra t-terroriżmu internazzjonali, taħdem għall-iżvilupp ta' strumenti komuni: il-ħolqien ta' *database* dedikata għal avvenimenti dwar il-minaċċja jew it-twettiq ta' atti malizzjużi ta' karattru nukleari, radjoloġiku, bijoloġiku jew kemikali (NRBC); it-tisħiħ u t-titjib tar-rwol taċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SitCen); it-tkomplijja tax-xogħol dwar l-użu ta' l-interent għal skopijiet terroristiċi ("*check the web*"); it-tħejjija ta' manwal ta' prattika tajba maħsub prinċipalment għall-użu fil-qasam penitenzjarju, fil-qafas ta' l-isforzi maħsuba biex jevitaw ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi; diskussjoni ta' miżuri li jistgħu jippermettu li l-personal konsulari jingħataw aċċess għat-tagħrif li jinsab fis-Sistema ta' Tagħrif Sċhengen (SIS), skond strateġija għad-ditekxin kmieni ta' persuni suspettati li jistgħu jwettqu atti terroristiċi;

- fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-Presidenza Franċiża tipproponi lis-sħab tagħha li jkun hemm żieda fil-prevenzjoni fejn tidħol il-kriminalità *cyber*, bis-saħħa tal-ħolqien ta' pjattaforma ta' allerta ta' kontenut illeċitu bil-konkorrenza ta' l-Uffiċċju u l-Kulleġġ Ewropej tal-Pulizija (EUROPOL u CEPOL). Hija tissensibilizza, barra minn dan, lill-Istati Membri għat-traffiku ta' l-armi b'oriġini fil-Balkani, permezz ta' operazzjoni konġunta fuq iż-żewġ rotot tagħhom bit-triq u bil-ferrovija u dwar dawk tal-pajjiżi tat-tranżitu. Hija tappoġġa l-ħolqien ta' netwerk Ewropew tal-kapijiet ta' l-unitajiet speċjalizzati fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni;

- fil-qasam tal-ġlieda kontra d-droga, il-Presidenza Franċiża ttemm b'suċċess, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, ix-xogħol fuq Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni għall-perjodu 2009-2012. Bħala parti mill-azzjonijiet indirizzati lejn pajjiżi jew reġjuni partikolarment effettwati mit-traffiku ta' l-istupefaċenti jew sustanzi kemikali prekursuri, hija tagħti attenzjoni partikolari lill-parti tal-punent tal-Mediterran fejn għandha l-ħsieb li toħloq Ċentru għall-Koordinazzjoni tal-Ġlieda kontra d-Droga, is-CECLAD-M. il-modalitajiet ta' djalogu aktar mill-qrib ma' l-Afrika tal-Punent, li saret reġjun importanti ta' tranżitu tal-kokaina li toriġina mill-Amerika Latina, jiġu diskussi wkoll;

- fl-aħħar nett, fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ekomafji, il-Presidenza Franċiża taħdem biex jiġi identifikat l-aħjar metodu għall-ġlieda kontra t-traffiku ta' skart tossiku.

Il-Presidenza Franċiża tkompli taħdem biex tikkonsolida l-bażi Ewropea li fuqha sserraħ il-kooperazzjoni kontinwa aktar mill-qrib bejn l-awtoritatjiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Hija taħdem favur l-iżvilupp tas-Sistema tat-Tagħrif Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II). Fl-istess spirtu, il-Presidenza Franċiża tara li sseħħ l-adozzjoni definittiva tad-deċiżjoni li tintegra, fil-qafas ġuridiku ta' l-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat ta' Prüm li, b'mod partikolari, fetaħ it-triq għall-iskambji, tant meħtieġa fil-ġlieda kontra r-reati serji, ta' tagħrif dwar id-DNA, dwar il-marki tas-swaba u dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi.

Il-Presidenza Franċiża, barra minn hekk, tagħti importanza kbira għat-tlestija tax-xogħol li jippermetti l-integrazzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) fil-qafas ġuridiku ta' l-Unjoni. Fil-qasam tat-taħriġ, l-attivitajiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija jiġu valutati fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ħtiġijiet tal-kooperazzjoni operazzjonali. Jiġu inkoraġġiti l-iskambji bejn l-Europol u l-Frontex biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-immigrazzjoni illegali u, indirettament , kontra l-kriminalità organizzata.

Il-Presidenza Franċiża tipproponi lill-Istati msieħba li għandhom jiġu ppreparati metodoloġija u manwal ta' prattika tajba maħsuba biex jippromwovu l-mudell taċ-ċentri ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u d-dwana (CCPD) fl-Istati Membri kif ukoll biex tinħoloq kodiċi dwar l-użu tar-radjukomunikazzjonijiet fiż-żoni tal-fruntieri. Hija tieħu wkoll l-inizjattiva għall-iżvilupp ta'

pattulji mħallta fuq il-ferroviji, skond il-possibilitajiet ipprovduti mit-Trattat ta' Prüm, u biex ikun hemm diskussjoni dwar il-"Kummissarjati Ewropej", inklużi l-funzjonijiet ta' l-Istati Membri kkonċernati f'dawn il-muvimenti tal-popolazzjoni, fiż-żoni fejn hemm konċentrazzjoni turistika qawwija jew fejn jinżammu avvenimenti tal-massa.

Hemm il-ħsieb li jinħolqu għodod operazzjonali oħrajn, fil-qasam tal-beni kulturali misruqa (il-ħolqien ta' *database* Ewropea u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-qasam ta' l-aċċettazzjoni ta' oġġetti misruqa) jew tal-ġlieda kontra l-użu illegali tal-possibilitajiet offruti mill-ftehim ta' "*roaming*" bejn l-operaturi tat-telefonija ċellulari.

Fl-aħħar nett, fejn tidħol id-dimensjoni esterna, il-Presidenza tvara diskussjoni dwar il-perspettivi u l-istrumenti tar-relazzjoni ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-ġustizza u l-affarijiet interni.

Il-laqgħat ministerjali mar-Russja u l-Istati Uniti għandhom ikunu okkażjonijiet biex titwessa' s-sħubija ma' dawn iż-żewġ pajjiżi, fir-rispett tal-valuri Ewropej. Il-Presidenza Franċiża tkompli d-diskussjoni dwar ftehim fil-qasam tal-protezzjoni tat-tagħrif ma' l-Istati Uniti li jista' jikkostitwixxi l-bażi għall-iskambji aktar wesgħin ta' tagħrif min-naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku.

Fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tingħata prijorità lil djalogu aktar intensiv mal-pajjiżi tal-Magreb u l-Afrika tas-Saħel. Il-laqgħa tal-Forum Unjoni Ewropea/Balkani tal-Punent fil-qasam tal-Ġustizza u l-Affarijiet Interni li għandha tinżamm f'Żagreb fis-6 u s-7 ta' Novembru 2008, tkun okkażjoni biex jissaħħu l-isforzi komuni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. F'dan ir-rigward, issir analiżi tal-minaċċja flimkien ma' l-Europol u l-inizjattiva ta' kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk (SECI).

- ***Ewropa b'ġustizzja aktar effikaċi***

Ewropa b'aktar sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej timxi id f'id ma' Ewropa b'ġustizzja aktar effikaċi.

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex jiġi adottat l-abbozz ta' reviżjoni tad-deċiżjoni li stabbiliet il-korp għall-kooperazzjoni ġudizzjarja Eurojust li għandu l-għan ewlieni li jsaħħaħ il-poteri tal-membri nazzjonali tal-korp. B'mod parallel, tara li l-aċċess ta' l-Eurojust għall-fajls ta' l-Europol jitjieb permezz ta' ftehim ġdid bejn iż-żewġ aġenziji.

Il-Presidenza Franċiża tfittex l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ħolqien ta' sistema ta' tagħrif Ewropea dwar ir-rekords kriminali li tippermetti l-interkonnessjoni bejniethom.

Fir-rigward tal-ħarsien tat-tfal, il-Presidenza Franċiża tiżgura l-promozzjoni ta' strument "twissija ta' ħtif", mibni fuq l-esperjenza miksuba mill-eżerċizzju mwettaq f'Ġunju ta' l-2008 mall-pajjiżi tal-Benelux, Hija tagħti attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tas-sigurtà ġuridika ta' l-aktar persuni vulnerabbli, b'mod partikolari adulti inkapaċi mqiegħda taħt tutela.

Il-ħolqien ta' spazju ġuridiku Ewropew mingħajr fruntieri jistrieħ fuq l-għarfien reċiproku u l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri.

Il-Presidenza Franċiża taħdem, barra minn hekk, biex ikun hemm progress fid-diskussjoni dwar id-deċiżjoni-qafas dwar is-superviżjoni ġudizzjarja.

Fil-qasam ta' l-armonizzazzjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew reċentament waslu għal ftehim fuq l-ewwel qari ta' Direttiva dwar il-ħarsien ta' l-ambjent permezz tad-dritt kriminali. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Franċiża tfittex l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-tniġġiż ikkawżat mill-bastimenti, li timponi wkoll l-obbligu fuq l-Istati Membri li japplikaw sanzjonijiet kriminali

f'settur partikolarment emblematiku tal-konsegwenzi li jista' jkun hemm fuq l-ambjent kawża ta' aġir irresponsabbli.

Fil-każ tal-liġi tal-familja, il-Presidenza Franċiża taħdem biex tasal għall-adozzjoni ta' regolament dwar l-ordnijiet ta' manteniment u sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tad-divorzju (Ruma III).

Dwar l-aspetti l-oħrajn rilevanti għad-dritt ċivili, il-Presidenza Franċiża tipproponi lill-Istati Membri li jkun hemm diskussjoni aktar wiesgħa dwar il-kontenut ta' qafas komuni ta' referenza fil-kwistjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti. Hija tiftaħ dibattitu dwar l-utilità li jista' jkollhom għaċ-ċittadini Ewropej il-pjanijiet għall-għarfien reċiproku ta' l-atti awtentiċi.

L-Ewropa tal-ġustizza ma tistax tagħmel progress reali jekk ma jkunx hemm mobilizzazzjoni sħiħa ta' l-atturi kollha.

Il-Presidenza Franċiża taħdem favur il-ħolqien ta' kultura ġudizzjarja komuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Hija taħdem favur it-taħriġ Ewropew tal-maġistrati u tal-personal fil-qasam tal-ġustizzja. Fl-okkażjoni tal-ġranet tat-taħriġ tal-maġistrati u l-prosekuturi, li għandhom jinżammu fil-21 u t-22 ta' Lulju f'Bordeaux, il-Presidenza tagħti bidu għad-dibattitu u taħdem biex ikun hemm appoġġ mill-Istati Membri għall-kunċett ta' programm ta' taħriġ Ewropew komuni. L-għan ikun ukoll li jiġi varat, minn Settembru 2008, ċiklu ta' taħriġ li jinvolvi diversi skejjel fl-Istati Membri, b'mod partikolari dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kura tal-persuni minuri, l-aċċess għall-ġustizzja, il-medjazzjoni u l-ġestjoni tal-pieni.

Il-Presidenza Franċiża taħdem favur l-iżvilupp tal-ġustizzja *online* (E-Justice) b'mod partikolari billi tipprepara biex fl-2010 jinfetaħ portal Ewropew għall-pubbliku

- ***Ewropa li tħares id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha***

Il-ħolqien ta' spazju komuni tal-ġustizzja, tal-libertà u tas-sigurtà jinvolvi valuri inerenti fiċ-ċittadinanza Ewropea li tiddependi, qabel kollox, fuq id-drittijiet u l-garanziji assigurati permezz tat-trattati.

Il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jkunu fil-qalba ta' diversi manifestazzjonijiet organizzati matul it-tieni semestru, b'mod partikolari dwar it-tema tal-ħarsien tat-tagħrif. L-adozzjoni tad-deċiżjoni-qafas dwar il-ħarsien tat-tagħrif tikkostitwixxi element importanti għall-Presidenza Franċiża. Il-Presidenza tkompli l-konsultazzjonijiet dwar il-proposta ta' PNR Ewropew.

Il-Presidenza Franċiża timmobilizzza ruħha favur it-tisħiħ tal-kapaċità Ewropea li tirrispondi f'każ ta' xi katastrofi, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-Unjoni Ewropea progressivament armat ruħha bil-mezzi ta' prevenzjoni, ta' preparazzjoni u ta' l-intervent sabiex tiffaċċja l-katastrofi kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha. Il-Presidenza tara li dawn l-isforzi jkomplu u jissaħħu. Fl-stess spirtu, il-Presidenza taħdem biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam konsulari, permezz tal-kunċett ta' "Stat gwida" u l-iżvilupp ta' netwerk Ewropew ta' taħriġ konsulari.

Fil-qasam tal-prevenzjoni, il-Presidenza Franċiża jkollha l-għan li tintensifika x-xogħol fuq it-tħaddim ta' sistema ta' allerta minn kmieni, li tibni netwerk Ewropew ta' taħriġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp. Hija taħdem għal tkabbir fil-kapaċità Ewropea għall-ġestjoni tal-kriżijiet u tar-

reazzjoni, kif ukoll għal kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar ma' l-entitajiet kompetenti kollha, speċjalment in-Nazzjonijiet Uniti. Fil-qasam ta' l-intervent, il-Presidenza taħdem biex tidentifika n-nuqqasijiet fil-qasam tat-trasport, tal-koordinazzjoni u ta' l-iskjerament u biex issaħħaħ il-kapaċitajiet Ewropej fl-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili. Hija tipproponi wkoll it-trasformazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (MIC) f'ċentru reali ta' monitoraġġ u operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, b'kapaċitajiet ta' pjanifikazzjoni u ġestjoni ta' l-operazzjonijiet, u tasal, biż-żmien, għall-ippuljar tal-mezzi ta' l-Istati Membri, skond l-esperjenza tal-Forza Ewropea għall-Intervent Rapidu (FIRE 5). Fl-aħħar nett, hija tiddiskuti l-possibilità ta' qafas ta' assistenza għal ċittadini Ewropej iffaċċjati b'sitwazzjoni ta' kriżi f'pajjiżi terzi. L-ewwel deċiżjonijiet u l-istadji ulterjuri jistgħu jiġu ttrattati f'*road map* li tiġi ppreżentata matul it-tieni semestru ta' l-2008 u li tistabbilixxi l-orjentazzjonijiet għall-futur.

## 2.2. L-Ewropa tal-kultura, taż-żgħażagħ u ta' l-isports

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex id-dimensjoni kulturali tingħata importanza matul it-tieni semestru ta' l-2008 għaliex din hija fattur qawwi ta' l-identità kif ukoll xhieda ta' l-istorja komuni tal-pajjiżi Ewropej. Id-dimensjoni kulturali tinvolvi wkoll l-elementi tad-diversità kulturali u tad-djalogu bejn il-kulturi kif ukoll l-apprezzament tar-rikkezza kulturali kollha ta' l-Istati Membri.

- ***L-impenn favur il-kultura***

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex tiżiluppa d-dimensjoni kulturali tal-proġett Ewropew fuq tliet aspetti:

- l-apprezzament, il-ħarsien u l-aċċessibilità tal-patrimonju Ewropew permezz ta' l-inawgurazzjoni tal-prototip ta' Biblijoteka Diġitali Ewropea kif ukoll permezz ta' l-użu ta' Tikketta tal-Patrimonju Ewropew li tingħata lil siti li huma emblematiċi ta' l-istorja u l-memorja Ewropea.

- il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u tad-diversità kulturali u lingwistika;

- il-konferma tal-post ta' l-arkitettura fl-istrateġiji nazzjonali u Ewropej fl-iżvilupp sostenibbli. Din is-suġġett għandu jiġi diskuss b'mod aktar profond matul il-Forum Ewropew dwar il-Politika ta' l-Arkitettura li għandu jinżamm f'Bordeaux f'Ottubru ta' l-2008.

Fil-qasam awdjoviżwali, il-Presidenza Franċiża tara li l-Unjoni Ewropea tkun attur ewlieni fir-rivoluzzjoni diġitali:

- permezz ta' l-elaborazzjoni tal-kwistjoni tal-kontenut kreattiv *online* bl-inkoraġġiment ta' l-industriji kulturali, is-soċjetajiet tat-telekomunikazzjoni u l-fornituri tas-servizzi ta' l-internet biex jikkooperaw biex tikber id-disponibbiltà tal-kontenut *online* waqt li jiżguraw ħarsien effettiv tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali.

- fil-ħarsien tat-tfal waqt l-użu ta' l-internet permezz ta' l-adozzjoni ta' programm komunitarju.

- ***L-impenn favur iż-żgħażagħ***

Il-Presidenza Franċiża tiżviluppa erba' aspetti ta' xogħol f'dan il-qasam:

- is-saħħa taż-żgħażagħ, bħala kontinwazzjoni tal-Komunikat tal-Kummissjoni "Promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, fl-impjieg u fis-soċjetà" u fil-karti ħodor "Nutrizzjoni" u Saħħa Mentali". Il-problema tal-vizzju tad-droga tingħata attenzjoni partikolari;

- il-promozzjoni u l-għarfien ta’ l-attivitajiet volontarji taż-żgħażagħ, bħala fattur ta’ l-iżvilupp tal-mobilità taż-żgħażagħ fl-Ewropa. Il-Presidenza taħdem biex jitkompla x-xogħol fuq l-abbozz ta’ rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

- xogħol għat-tħaddim ta’ Patt Ewropew dwar iż-Żgħażagħ;

- id-dimensjoni taż-żgħażagħ tas-Sena Ewropea ta’ Djalogu Interkulturali, b’mod partikolari fil-qafas ta’ approċċ Ewromediterranju.

- ***L-impenn favur l-isports***

Bħala kontinwazzjoni tal-Karta Bajda dwar l-Isports u l-pjan ta’ azzjoni “Pierre de Coubertin”, il-Presidenza Franċiża tagħti attenzjoni partikolari għall-għarfien tar-rwol ta’ l-isports fl-Unjoni Ewropea, billi:

- tfittex ftehim li jikkonferma l-ispeċifiċità tat-taħrig ta’ l-isportivi żgħażagħ;

- tagħti bidu għal xogħol dwar ir-regolazzjoni tal-vokazzjoni ta’ aġent sportiv u dwar is-superviżjoni tal-ġestjoni tal-klabbs sportivi.

- taħdem favur l-adozzjoni ta’ linji gwida dwar il-promozzjoni ta’ attivitajiet sportivi bħala elementi tas-saħħa pubblika.

## 3. AFFERMAZZJONI TAR-RWOL TA' L-EWROPA FIX-XENA INTERNAZZJONALI

### 3.1. Spirtu ġdid għall-Ewropa tad-difiża u tas-sigurtà

L-orjentazzjoni ċentrali tal-Presidenza Franċiża fil-qasam tad-difiża hija t-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari disponibbli fl-Ewropa.

- ***Strateġija ta' sigurtà għall-għaxar snin li ġejjin***

L-aġġornament ta' l-istrateġija Ewropea dwar is-sigurtà, adottata fl-2003, għandu jippermetti t-tiġdid ta' l-analiżi komuni tal-minaċċji, skond liema analiżi jkunu jistgħu jiġu determinati l-mezzi ta' difiża u l-miżuri għat-tisħiħ tas-sigurtà. Skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2007, hija, għalhekk, il-Presidenza Franċiża li trid tappoġġa x-xogħol imwettaq mill-SG/HR dwar l-Istrateġija Ewropea dwar is-Sigurtà adottata fl-2003. Flimkien ma' l-imsieħba ewlenin, nipproponu elementi maħsuba biex iżidu magħha (sfidi ġodda) u jsaħħuha (karattru tal-kapaċitajiet militari, kooperazzjoni UE-NATO). L-għan huwa li jitħejja dokument li jiġi adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru ta' l-2008.

- ***Tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u tal-ġestjoni ta' kriżi, żvilipp ta' l-istrumenti ta' l-Unjoni***

Il-Presidenza Franċiża hija ħerqana li tiżviluppa l-Politika Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża (PESD) armata b'mezzi kredibbli, sabiex tissodisfa r-rwol ta' l-Unjoni Ewropea bħala attur globali fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet u biex tirrispondi wkoll għall-aspettattivi taċ-ċittadini tagħna u tal-komunità internazzjonali.

Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet politiċi għat-tiġdid ta' l-isforzi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari ta' l-Ewropa jitlob li, matul il-Presidenza Franċiża:

- l-Unjoni Ewropea tingħata viżjoni adattata għall-kriżijiet u għall-minaċċji ġodda: l-Unjoni trid tkun kapaċi torganizza aħjar il-kapaċità tagħha biex tintervjeni, billi tiskjera l-gamma sħiħa ta' operazzjonijiet militari u ċivili, inkluża r-reazzjoni rapida, u mingħajr ħsara għall-kapaċità tagħha li twettaq operazzjoni maġġuri għas-separazzjoni tal-partijiet (60 000 ruħ għal perjodu ta' sena);

- jiġu varati serje ta' proġetti li jistrutturaw il-kapaċità, mibdijin minn xi stat partikolari u miftuħa għall-istati li jkunu jridu jipparteċipaw, li jirrispondu għall-ħtiġijiet operazzjonali (trasport strateġiku aerju, trasport tattiku, aeromobilità, provvista tal-fjuwil fl-ajru, osservazzjoni mill-ispazju);

- jsaħħu l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet (mobilizzazzjoni aktar rapida tal-pulizija/ġendarmerija, uffiċjali tad-dwana, maġistrati);

- jinstabu soluzzjonijiet flessibbli u innovattivi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet (ippuljar, speċjalizzazzjoni fuq bażi volontarja). Il-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet, żviluppat mill-Aġenzija Ewropea tad-Difiża, għandu rwol essenzjali fl-istimulazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Ewropej;

- tiġi promossa, sabiex ikun żgurat il-futur ta' l-industrija ta' l-armi Ewropea, l-approssimazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar ir-riċerka u t-teknoloġija militari u r-riċerka dwar programmi strateġiċi mħejjija b'mod komuni.

- jinħoloq suq intern reali fil-qasam tad-difiża. Il-Presidenza Franċiża taħdem biex tippromwovi l-faċilitazzjoni ta' l-iskambji tal-prodotti tad-difiża fi ħdan l-Unjoni Ewropea, sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u t-teknoloġija tad-difiża. Il-Presidenza tkompli l-isforzi mibdija biex jintlaħaq ftehim dwar il-"pakkett difiża" tal-Kummissjoni Ewropea.

- jissaħħu, skond l-esperjenzi miksuba mill-operazjonijiet u l-ħtiġijiet operazzjonali nnutati, il-kapaċitajiet Ewropej ta' ppjanar u tat-tmexxija ta' l-operazzjonijiet militari u ċivili tal-PESD.

- il-ministri tad-difiża jkollhom il-possibilità li jiltaqgħu sabiex jiżguraw il-monitoraġġ ta' l-operazzjonijiet u l-iżvilupp fil-kapaċità u jieħdu deċiżjonijiet f'dan il-qasam, fil-qafas tal-**KAĠRE**

- jiġi promoss it-taħrig komuni Ewropew ("Erasmus" militari) u ż-żieda fl-iskambji bejn l-istrutturi tat-taħriġ nazzjonali; l-azzjoni komuni li ħolqot il-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u tad-Difiża trid tiġi emendata.

Il-Presidenza Franċiża biħsiebha wkoll tkompli l-isforzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet fl-UE, billi tenfasizza l-koordinazzjoni ta' l-evakwazzjonijiet taċ-ċittadini, il-kapaċitajiet ta' sorveljanza marittima u l-kapaċitajiet tat-tneħħija tal-mini.

Il-modalitajiet tal-finanzjament tal-PESD jiġu ttrattati permezz tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu "Athena" ppjanata taħt il-Presidenza Franċiża.

- ***L-iżvilupp ta' sħubijat għas-servizz tas-sigurtà***

- il-kooperazzjoni man-NATO, fl-istess waqt mas-sħubija strateġika fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet u waqt il-kampanji, b'mod partikolari fejn ikun hemm operazzjonijiet iseħħu fl-istess teatru.

- it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NU (b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet);

- l-iżvilupp tar-relazzjonijiet mas-sħab ewlenin l-oħrajn, b'mod partikolari ma' l-Unjoni Afrikana (tħaddim ta' l-istrateġija UE-Afrika u l-pjan ta' azzjoni tagħha).

- ***Biex l-Unjoni Ewropea tkun protagonist fuq quddiem tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tat-terroriżmu***

It-tisħiħ tal-mezzi diplomatiċi u politiċi tal-pajjiżi Ewropej hija prijorità biex minaċċi bħal ma huma l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u t-terroriżmu jiġu ffaċċjati b'mod effikaċi.

Il-Presidenza taħdem biex:

- iżżid il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni għall-isforzi dwar non-proliferazzjoni (Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kontra l-Proliferazzjoni) bħala appoġġ għas-sistemi multilaterali ta' non-proliferazzjoni u tad-diżarm;

- issaħħaħ l-istrumenti ta' l-Unjoni għall-prevenzjoni tat-trasferiment ta' l-armi destabbilizzanti, b'mod partikolari fejn jidħol it-traffiku illegali ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir;

- timmobilizza l-mezzi kollha ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ditekxin kmieni, skambju tat-tagħrif, kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi);

- issaħħaħ il-livell ta' protezzjoni mill-attakki *cyber*.

- ***Non-proliferazzjoni u diżarm***

Fil-kuntest tal-krizijiet ta' proliferazzjonijiet persistenti, il-Presidenza tenfasizza l-importanza ta' l-element ta' non-proliferazzjoni. Hija taħdem biex issaħħaħ l-istrumenti f'dan il-qasam, fil-forma ta' pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea Kontra l-Proliferazzjoni, u tipproponi lill-pajjiżi sħab li jkun hemm progress, b'mod partikolari fl-interdizzjoni ta' l-armi bil-munizzjon *cluster* u dwar it-traffiku illegali ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir.

- ***Kooperazzjoni multilaterali***

Il-Presidenza Franċiża taħdem favur il-kooperazzjoni bejn in-NU u l-UE, b'mod partikolari fil-qasam taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, tal-ġestjoni tal-kriżijiet u ta' l-iżvilupp.

Il-Presidenza Franċiża taħdem ukoll favur il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll bejn l-UE u l-OSCE.

## 3.2. Tkabbir u politika dwar il-pajjiżi ġirien: Il-ħolqien ta' żona ta' stabbilità u prosperità

- ***Il-Kroazja u t-Turkija***

Skond l-istrateġija dwar it-tkabbir approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 u skond il-linja tal-konklużjonjiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2007, il-Presidenza Franċiża tkompli n-negozjati skond il-progress li jkun sar minn kull wieħed minn dawn il-kandidati fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom.

- ***Il-Balkani tal-punent***

Il-Presidenza Franċiża tafferma l-perspettiva Ewropea dwar il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, skond il-konklużjonjiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006. Waqt li tirrikonoxxi l-konsolidazzjoni tal-progress li sar riċentament fil-proċess ta' l-istabilizzazzjoni u l-assoċjazzjoni, hija tara jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet biex kull wieħed mill-pajjiżi involuti, skond il-mertu tal-każ, javvanza fit-triq ta' l-avviċinament lejn l-Ewropa. Tingħata attenzjoni partikolari għall-istabbilità tal-Kosovo, b'mod partikolari permezz ta' l-iskjerament tal-missjoni ġustizzja-pulizija u d-dwana (EULEX).

- ***Il-Mediterran***

Il-Presidenza Franċiża tvara l-proġett ta' l-Unjoni għall-Mediterran fis-summit ta' Pariġi fit-13 ta' Lulju li ġej. Waqt li tħares l-akkwisti politiċi importanti tal-proċess ta' Barċellona favur l-istabbilità u d-demokrazija, l-Unjoni għall-Mediterran tagħti qafas ġdid u spirtu ġdid lid-djalogu ewromediterranju bbażat fuq sħubija reali permezz ta' governanza ġdida u fuq proġetti konkreti b'dimensjoni reġjonali, b'mod partikolari fil-qasam tat-tindif tal-Mediterran mit-tniġġiż, l-enerġija, il-protezzjoni ċivili u t-trasport.

Waqt li tagħraf il-karatteristiċi partikolari tal-pajjiżi sħab, il-Presidenza Franċiża beħsiebha ttemm b'suċċess ix-xogħol li għaddej għad-determinazzjoni ta' statut avvanzat għall-Marokk fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea, li jista' jservi ta' referenza għal pajjiżi oħrajn fir-reġjun. L-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' l-Iżrael, li l-Presidenza ssegwi skond ir-riżultat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tas-16 ta' Ġunju, għandu jikkunsidra l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-Lvant Qarib bil-għan li jintemm il-konflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina.

- ***Id-dimensjoni orjentali***

Fil-perspettiva tas-summit ma’ l-Ukraina, il-Presidenza tara li tingħata spinta politika lin-negozjati dwar ftehim imsaħħaħ, bil-għan li tiġi superata tappa importanti fl-isforzi biex jintlaħaq ftehim wiesa’ ma’ dan il-pajjiz ta’ importanza strategika għall-Ewropa.

B’mod parallel, hija tara li l-ftuħ tan-negozjati dwar ftehim ġdid mar-Russja jwasslu għal forma ġdida ta’ relazzjonijiet ma’ dan is-sieħeb, b’mod partikolari fil-qasam ta’ l-ekonomija, l-enerġija, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem.

Il-Presidenza taħdem biex tiżviluppa t-tħaddim ta’ strateġija ta’ l-Unjoni Ewropea dwar l-Asja Ċentrali, b’mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà fl-enerġija.

### 3.3. Aġenda għal żvilupp solidali

- ***Politika ta’ l-iżvilupp***

Il-Presidenza Franċiża tintervjeni f’kuntest dinji karatterizzat mill-kriżi ta’ l-ikel u l-enerġija. Il-konferenza tat-3 ta’ Lulju dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp fi Brussell timmarka, mid-debutt tal-Presidenza Franċiża, l-impenn ta’ l-Ewropa favur is-sigurtà fl-ikel. B’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta’ Ġunju 2008, il-Presidenza tesplora r-reazzjonijiet li għandu jkun hemm għaż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi.

Fil-perspettiva ta’ l-iskadenzi internazzjonali fil-qasam ta’ l-iżvilupp, il-Presidenza taħdem favur id-definizzjoni ta’ pożizzjoni komuni li tirrikonoxxi r-rwol u l-esperjenza ta’ l-Unjoni Ewropea, li tirrappreżenta aktar minn nofs l-għajnuna dinjija.

Fir-rigward ta’ l-effikaċità ta’ l-għajnuna, ikun jaqbel li jkun hemm progress aktar mgħaġġel lejn komplimentarjetà ta' l-għajnuna bejn il-pajjiżi u li jkun hemm proposti adattati għas-sitwazzjonijiet ta' konflitt u fraġilità. Il-Presidenza Franċiża tara li dan il-proċess jitwettaq bi sħab mal-pajjiżi benefiċjarji, ġeneralment b’assoċjazzjoni mas-soċjeta ċivili.

Lilhinn mill-iskadenzi internazzjonali, il-Presidenza tenfasizza t-tema tal-governanza lokali, b’mod partikolari favur il-“Ġranet Ewropej ta’ l-Iżvilupp”. Skond il-komunikat tal-Kummissjoni “Governanza Lokali u Żvilupp Territorjali”, tiġi proposta Karta ta’ Kooperazzjoni fil-qasam ta’ appoġġ għall-governanza lokali. Din għandha tinkludi wkoll diskussjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-finanzjament sostenibbli tas-sistemi tas-saħħa permezz tal-mobilizzazzjoni ta' l-għodod adattati għall-kundizzjonijiet ta’ kull stat fi stadju ta’ zvilupp.

Tingħata attenzjoni partikolari għar-rabta bejn il-migrazzjonijiet u l-iżvilupp (impatt tat-tfaddil tal-migranti, il-ħtiġijiet ta’ l-impjieg fis-setturi produttivi, id-dimernsjoni reġjonali u l-impatt tal-bidla fil-klima).

Fl-aħħar nett, il-Presidenza taħdem ukoll għall-integrazzjoni ta’ l-aspetti ta’ l-adattament ta’ pajjiżi fi stat ta’ żvilupp marbuta mal-bdil fil-klima fl-azzjoni esterna tagħha, b’mod partikolari fid-dawl tal-konferenza bejn il-partijiet f’Poznań f’Diċembru 2008.

- ***L-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija dinjija***

Sabiex taħdem favur l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fiż-żona ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku fl-ekonomija dinjija u tgħin l-integrazzjoni reġjonali, il-Presidenza tkompli x-xogħol għall-iffirmar ta’ ftehimiet ta’ shubija ekonomika reġjonali kompleta, inklużi l-miżuri relatati.

### 3.4. Promozzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Istat tad-Dritt

F’dan il-kuntest, fl-2008, is-Sittin Anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-

Bniedem, il-Presidenza tkompli tippromwovi, b'mod partikolari fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u korpi internazzjonali oħrajn, id-drittijiet tal-bniedem u l-universalità tagħhom. L-enfażi jkun fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.

### 3.5. Promozzjoni ta' regoli kummerċjali bbażati fuq it-trasparenza u r-reċiproċità

Fil-qasam kummerċjali, il-Presidenza Franċiża tikkontribwixxi għall-kontinwità ta' l-isforzi magħmula mill-Unjoni Ewropea biex tissaħħaħ is-sistema kummerċjali multilaterali. Dan l-għan jissarraf b'mod partikolari permezz ta' sforz biex jinkiseb riżultat globali, ambizzjuż u bbilanċjat fil-qafas taċ-ċiklu ta' Doħa.

Il-Presidenza Franċiża tara li jkun hemm progress fuq il-prinċipju tar-reċiproċità fl-iskambji ta' l-Unjoni Ewropea mas-sħab tagħha sabiex ittejjeb il-pożizzjoni tagħha fin-negozjati u biex issaħħaħ il-ħarsien ta' l-interessi tagħha.

- ***L-iżgurar ta' l-aċċess ta' l-intrapriżi Ewropej għas-swieq tal-pajjiżi terzi***

Fetħa akbar tas-swieq ta' ċerti pajjiżi terzi, inklużi l-appalti pubbliċi, tipprovdi opportunitajiet aħjar għall-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom. Hija tippermetti li jkun hemm reċiproċità għall-ftuħ tas-suq komunitarju u tiffavorixxi kompetizzjoni ekonomika aktar ġusta. Il-Presidenza Franċiża tinkoraġġixxi l-isforzi li qegħdin isiru f'din id-direzzjoni.

- ***Promozzjoni ta' konkorrenza internazzjonali ġusta***

Il-promozzjoni ta' l-istandards Ewropej fin-negozjati internazzjonali huwa element importanti b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, ta' l-ambjent kif ukoll tas-sigurezza. Il-Presidenza Franċiża tagħti attenzjoni partikolari għal din il-kwistjoni.

Il-Presidenza Franċiża tara li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ id-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali f'kull ftehim bilaterali u multilaterali, b'mod partikolari il-Ftehim Kummerċjali kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA).

- ***Tkomplija tax-xogħol fuq negozjati bilaterali u riflessjoni fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjizi żviluppati.***

Il-preferenza Ewropea għal sistema multilaterali ma teskludix politika ambizzjuża f'termini ta' ftehim dwar il-kummerċ ħieles. Il-Presidenza Franċiża tappoġġa kull progress fin-negozjati dwar il-kummerċ ħieles immexxija mill-Kummissjoni sakemm id-dispożizzjonijiet tagħhom jiżguraw livell adegwat ta' reċiporiċità.

Min-naħa l-oħra, il-Presidenza Franċiża tiffavorixxi l-bidu ta' diskussjoni dwar it-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħna mal-pajjiżi industrijalizzati.

### 3.6. Kostruzzjoni ta' sħubijat ġodda mad-diversi atturi fuq ix-xena internazzjonali

- ***L-Afrika***

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex jitwettqu l-orjentazzjonijiet stabbiliti fis-sħubija strateġika UE-Afrika adottata fis-summit ta' Liżbona f'Diċembru 2007 u biex tiżgura li l-pjan ta' azzjoni jiġi segwit. Hija tiżviluppa, b'mod partikolari, inizjattivi fl-oqsma tal-paċi u tas-sigurtà, tal-migrazzjonijiet, ta' l-aċċess għall-enerġija u ta' l-addattament għall-bidla fil-klima. Barra minn hekk, hija taħdem biex ikun hemm progress lejn l-iffirmar ta' ftehimiet ta' sħubija sħaħ inklużi

miżuri relatati, b'mod partikolari sabiex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' l-agrikoltura u biex tippermetti t-tiġdid tad-dinamika ta' l-integrazzjoni reġjonali fl-Afrika.

Il-Presidenza Franċiża għandha tkun l-okkażjoni biex jiġi organizzat l-ewwel summit UE-Afrika tan-Nofsinhar, skond is-sħubija strateġika varata fl-2007.

- ***L-Asja***

Fl-okkażjoni tas-summit ta' l-ASEM kif ukoll tas-summits mas-sħab ewlenin tagħna fl-Asja, il-Presidenza Franċiża taħdem biex issaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' dan ir-reġjun fl-oqsma politiċi u ekonomiċi u dwar il-kwistjonijiet globali ta' interess komuni, bħad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà fl-enerġija u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. Dawn il-laqgħat għandhom ikunu l-okkażjoni biex jiġi intensifikat, b'mod partikolari, id-djalogu ekonomiku, monetarju u kummerċjali mal-qawwiet emerġenti tar-reġjun, sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet bilanċjati bbażati fuq ir-reċiproċità.

- ***Relazzjonijiet tranżatlantiċi***

Il-Presidenza Franċiża taħdem għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti, b'mod partikolari permezz tat-tħaddim tal-programm ta' kooperazzjoni ekonomika adottat fl-2007 u d-djalogu regolatorju.

Fl-okkażjoni tas-summit mal-Kanada, il-Presidenza tfittex biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' dan il-pajjiż.

- ***L-Amerika Latina***

Il-Presidenza Franċiża taħdem biex tikkonsolida s-sisien ta' azzjoni komuni mal-pajjizi ta' l-Amerika Latina u tal-Karajbi skond il-linji ta' l-orjentazzjonijiet stabbiliti mis-summit ta' Lima. Hija tkompli n-negozjati dwar ftehim ta' assoċjazzjoni mal-Mercosur, il-pajjiżi ta' l-Andes u ta' l-Amerika Ċentrali.

Il-summit mal-Brażil jippermetti l-iżvilupp ta' sħubija strateġika ma' dan il-pajjiż varata fl-2007 bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Presidenza Franċiża tfittex it-twessiegħ tar-relazzjonijiet mal-Messiku, diġà marbut ma' l-Unjoni Ewropea permezz ta' ftehim ta' assoċjazzjoni.

- ***Il-Golf***

Il-Presidenza Franċiża ssegwi b'attenzjoni n-negozjati dwar ftehim ta' assoċjazzjoni mal-pajjiżi tas-CCEAG u dwar ftehim ta' kummerċ u kooperazzjoni ma' l-Iraq.

- ***l-EFTA***

Il-Presidenza Franċiża taħdem għal konklużjoni b'suċċess tan-negozjati tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tat-tassazzjoni kantonali fl-Iżvizzera u tappoġġa l-Kummissjoni fl-isforzi tagħha fin-negozjati dwar il-kontribuzzjonijiet futuri ta' l-Istati ŻEE-EFTA għall-politika tal-koeżjoni.

**ANNESS**

Laqgħat, konferenzi u manifestazzjonijiet ewlenin
organizzati matul il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

| Avveniment | Data | Post |
|---|---|---|
| "Konferenza Ewropea dwar is-Servizzi Soċjali" (Netwerk Soċjali Ewropew) | 2-4 ta' Lulju | Pariġi |
| "Min ser jitma' lid-dinja? Lejn agrikoltura diversifikata u sostenibbli, mutur ta' l-iżvilupp" | 3 ta' Lulju | Brussell |
| "Jiem tal-Kompetittività Ewromed" (Muviment ta' l-Intrapriżi Franċiżi) | 3-4 ta' Lulju | Marsilja |
| L-Erbgħin Anniversarju ta' l-Unjoni Doganali | 3-4 ta' Lulju | Pariġi |
| "Avveniment għaż-Żgħażagħ: Iż-żgħażagħ, aġenti u suġġetti tad-djalogu interkulturali" | 5-9 ta' Lulju | Marsilja |
| "Seminar ta' livell għoli dwar ir-relazzjoni UE/NATO" | 7 ta' Lulju | Pariġi |
| "L-Unjoni Ewropea u t-territorji lilhinn mill-baħar" strateġiji biex jilqgħu għall-bidla fil-klima u t-telf tal-bijodiversità" | 7-11 ta' Lulju | La Réunion |
| "Iċ-Ċinema, l-Ewropa, id-Dinja: x'politika ta' kooperazzjoni ċinematografika għandha tħaddem l-UE?" | 7-8 ta' Lulju | Pariġi |
| Jum ta' l-Industrija Ewropea: "viżjoni industrijali għal Franza u għall-Ewropa" (Grupp ta' Federazzjonijiet Industrijali) | 10 ta' Lulju | Pariġi |
| Laqgħa tal-ministri inkarigati mill-affarijiet Ewropej | 12-13 ta' Lulju | Brest |
| "Formalizzazzjoni ta' l-ewwel netwerk Ewropew ta' komunitajiet territorjali b'150 0000 sa 800 000 abitant" (Assemblea tad-Dipartimenti Franċiżi) | *15-18 ta' Lulju* | *Avignon* |
| "EUROJUST, l-entitajiet komuni għall-istħarriġ u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri" | 17-18 ta' Lulju | Toulouse |
| Laqgħa tal-ministri inkarigati mill-ispazju | 20-22 ta' Lulju | Kourou |
| "X'futur għandu t-taħriġ tal-maġistrati u l-personal ta' l-istrutturi tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea?" | 21-22 ta' Lulju | Bordeaux |
| "Skambju ta' l-esperjenzi dwar katastrofi kbar" | 29-31 ta' Lulju | Aix-les-Milles |
| "Il-qagħda u l-futur tas-settur Ewropew tat-trobbija tan-nagħaġ" | 4-5 ta' Settembru | Limoges |
| "Mobilità, djalogu, parteċipazzjoni: għal ċittadini Ewropej aktar attivi" (Forum Ċiviku Ewropew – Kummissjoni Ewropea) | 4-6 ta' Settembru | La Rochelle |
| " Nibnu Ewropa tal-Kenn" | 8-9 ta' Settembru | Pariġi |
| Konferenza "i-2010" | 8-9 ta' Settembru | Pariġi |

| Avveniment | Data | Post |
|---|---|---|
| “L-assigurazzjoni tal-kwalità fl-istabbilimenti ta' l-edukazzjoni għolja fl-Ewropa” | 9-10 ta’ Settembru | Strasburgu |
| “Prijoritajiet Ewropej u proposti tas-settur tas-servizzi finanzjarji” (Eurofi) | *10-12 ta’ Settembru* | *Nizza* |
| “Il-mobilità tal-ħaddiema” | 11-12 ta’ Settembru | Pariġi |
| “Il-Koordinazzjoni Ewropea fil-Ġlieda kontra n-nuqqas ta’ sigurezza fit-toroq” | 11-12 ta’ Settembru | Pariġi |
| “GMES (Monitoraġġ globali ta’ l-ambjent u s-sigurtà): L-ispazju għas-servizz ta’ l-ambjent u s-sigurtà” | 16-17 ta’ Settembru | Lille |
| “Il-Ħarsien ta’ persuni vulnerabbli adulti fi ħdan l-ispazju ġudizzjarju Ewropej” | 17 ta’ Settembru | Lille |
| “Ġestjoni tat-tranżizzjonijiet: l-Orjentament matul il-ħajja fl-ispazju Ewropew” | 17-18 ta’ Settembru | Lyon |
| “Il-fatturi li jeffettwaw is-sigurtà ta’ l-Unjoni Ewropea fl-Asja Ċentrali” | 17-18 ta’ Settembru | Pariġi |
| Laqgħa tal-ministri inkarigati mill-familja | 18 ta’ Settembru | Pariġi |
| “Kontenut kreattiv *online*” | 18-19 ta’ Settembru | Pariġi |
| “Aċċess għal-liġi kommunitarja” (L-avukatura Franċiża) | 18 ta’ Settembru | Brussell |
| “ L-Ewropa tmur l-iskola” | 19 ta’ Settembru | Franza |
| “X'forom għandu jkollhom il-politiki Ewropej fl-orizzont ta' l-2020?” (Forum Ewropew tat-*think tanks* – Istitut Aspen ta’ Franza) | *19-20 ta’ Settembru* | *Pariġi* |
| “Summit dwar l-ugwaljanza fl-opportunitajiet” | 29-30 ta’ Settembru | Pariġi |
| “ L-Ewropa f’muviment: laqgħa tar-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej li jgħixu barra mill-pajjiż ta’ l-oriġini” (Assemblea tal-Franċiżi li jgħixu barra minn Franza) | 30 ta’ Settembru | Pariġi |
| Assemblea Ġenerali tar-Reġjuni Periferali Marittimi | 1- 3 ta’ Ottubru | Bayonne |
| “Il-Bini ta’ Multilateraliżmu Effikaċi ma’ l-Atturi Globali Ġodda” (Istitut għall-Istudju tas-Sigurtà ta’ l-Unjoni Ewropea) | 2 – 3 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “Il-Fruntieri l-Ġodda ta’ l-Ekonomija tal-Kultura” | 2–3 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “Ir-Riskji Sanitarji u l-Importazzjoni”: | 3 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “Fiera Ewropea ta’ l-Impjiegi” | 4 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “ L-Ewropa ta’ l-Isports” | 5 ta’ Ottubru | Pariġi |
| Konvenzjoni ta’ l-Assoċjazzjonijiet Ewropej ta’ l-Industrija ta’ l-Aeronawtika, Spazjali u tad-Difiża | 6 ta’ Ottubru | Pariġi |
| **Avveniment** | **Data** | **Post** |

| | | |
|---|---|---|
| *"Open Days"*<br>(Kumitat tar-Reġjuni) | *6–9 ta' Ottubru* | *Brussell u r-reġjuni Franċiżi* |
| "It-tagħlim tax-xjenzi fl-Ewropa ta' l-għarfien" | 8–9 ta' Ottubru | Grenoble |
| "Laqgħat ma' l-Istorja" u "Fiera Annwali tal-Ktieb" | 9–12 ta' Ottubru | Blois |
| "Forum Ewropew tal-Politika Arkitetturali" | 9–10 ta' Ottubru | Bordeaux |
| "Mill-Kumpanija Ewropea għall-Kumpanija Privata Ewropea" | 10 ta' Ottubru | Pariġi |
| "*La rentrée des jeunes européens*" | 10 u 11 ta' Ottubru | Nantes |
| "L-Ewropa tas-saħħa għas-servizz tal-pazjenti" | 13–14 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Jiem Ewropej tas-sigurtà fit-toroq" | 13 ta' Ottubru | Pariġi |
| "IL-Ġlieda kontra l-abbużi fl-impjieg" | 13–17 ta' Ottubru | Marsilja |
| Mejda tonda dwar il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali | 15–16 ta' Ottubru | Marsilja |
| "Il-proprjetà industrijali u s-suq intern" | 16–17 ta' Ottubru | Strasburgu |
| "L-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-Ewropa" (Kumitat għar-Relazzjonijiet Nazzjonali u Internazzjonali ta' l-Assoċjazzjonijiet taż-Żgħażagħ u l-Edukazzjoni Popolari – Forum Ewropew taż-Żgħażagħ) | 17–18 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Manifestazzjoni Bijomarina: il-Qagħda tal-Portijiet u tat-Trasport Marittimu" (Biovision) | 20–24 ta' Ottubru | Toulon - Marsilja |
| Konferenza Ewroafrikana dwar "Il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp" | 20–21 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Il-Kwalità tas-Servizzi Pubbliċi Ewropej" | 20–22 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Il-Kooperazzjoni Bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Ewropea fil-Qasam tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet u tas-Sigurtà" | 20–22 ta' Ottubru | Pariġi |
| *Konferenza dwar l-Iżvilupp Sostenibbli*<br>*(Eurocities)* | *22 ta' Ottubru* | *Lyon* |
| "Aktar Ħeffa fl-Innovazzjoni fl-Ewropa"<br>(Europe INNOVA) | 22–24 ta' Ottubru | Lyon |
| "Liema Liġi Ewropea dwar il-Kuntratti għall-Unjoni Ewropea?" | 23–24 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Għix iċ-Ċittadinanza Ewropea"<br>(Parlamant Ewropew taż-Żgħażagħ) | 24 ta' Ottubru – 2 ta' Novembru | Rennes |
| ""L-Awtoritajiet Lokali Franċiżi u l-Kostruzzjoni ta' l-Ewropa: Rendikont u Perspettivi" (Kumitat tar-Reġjuni) | 24 ta' Ottubru | Pariġi |
| "Il-Futur tal-Politika ta' l-Iżvilupp Ewropea"<br>(Laqgħa Ewropea tal-Forum ta' l-NGOs) | 27–30 ta' Ottubru | Pariġi |

| Avveniment | Data | Post |
|---|---|---|
| “Is-Servizzi Soċjali ta’ Interess Ġenerali” | 28–29 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “Għal Enerġija b’Livell ta’ Karbonju Baxx: il-Pjan Ewropew għar-Riċerka Teknoloġika” | 28 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “L-Inklużjoni Soċjali: Approċċ Ewropew għall-Edukazzjoni ta’ Studenti bi Bżonnijiet Speċjali” | 29–30 ta’ Ottubru | Clermont-Ferrand |
| “Forum dwar il-Ferroviji Ewropej: Merkanzija mingħajr Fruntieri” | 29 ta’ Ottubru | Pariġi |
| *Summit dwar in-Netwerk tal-Gvernijiet Reġjonali għal Żvilupp Sostenibbli (nrg4SD)* | *29–30 ta’ Ottubru* | *Saint-Malo* |
| “Il-Koeżjoni Territorjali u l-Futur tal-Politika Komunitarja għall-Koeżjoni” | 30–31 ta’ Ottubru | Pariġi |
| Laqgħa ta’ Tkomplija tal-Konferenza ta’ Stuttgart dwar l-Intrapriżi Żgħar u ta’ Daqs Medju (Assemblea Permanenti tal-Kmamar tas-Snajja) | 30–31 ta’ Ottubru | Tours |
| “L-Ewropa Kontra l-Marda ta’ l-Alzheimer” | 30–31 ta’ Ottubru | Pariġi |
| “Il-Kapaċitajiet Ewropej għad-Difiża: fatturi u realtajiet” | 30–31 ta’ Ottubru | Marsilja |
| *Forum ċivili – Għaqdiet non-governamentali Euro-Med* | *31 ta’ Ottubru – 2 ta’ Novembru* | *Marsilja* |
| Laqgħa ministerjali dwar l-integrazzjoni | 3–4 ta’ Novembru | Vichy |
| “Il-Bijodiversità u l-Agrikoltura: l-Isfidi tal-Lum, ir-Riċerka ta’ Għada għal Agrikoltura Sostenibbli” | 4–5 ta’ Novembru | Montpellier |
| “L-Ewropa ta’ l-Edukazzjoni Għolja, Spazju ta’ Mobilità li għandu jissaħħaħ” | 4–5 ta’ Novembru | Nancy |
| Forum Ċivili Mediterranju dwar id-Djalogu Kulturali Ewro-Mediterranju | 4–6 ta’ Novembru | Marsilja |
| “Il-Governanza u r-Rendiment ta’ l-Istabbilimenti Edukattivi fl-Ewropa” | 6–7 ta’ Novembru | Poitiers |
| “Is-settur Foresta-Injam Ewropew: il-Bijorisposti għall-Fatturi Klimatiċi u ta’ l-Enerġija Ġodda” | 6–8 ta’ Novembru | Nancy |
| “Is-Sigurtà Soċjali u l-Isfidi Demografiċi f’Perspettiva Ewropea” (Fond Nazzjonali għall-Assigurazzjoni ta’ l-Anzjanità) | 7–8 ta’ Novembru | Pariġi |
| “L-Unjoni Ewropea u l-Artiku” | 9–10 ta’ Novembru | Monaco |
| “Il-Kwistjonijiet Soċjali Ġodda f’Ewropa li Qiegħda Tinbidel” | 12 ta’ Novembru | Pariġi |
| “L-Ugwaljanza Vokazzjonali bejn in-Nisa u l-Irġiel” | 13 ta’ Novembru | Lille |
| “Taħriġ Vokazzjonali u s-Sigurezza fil-Karriera Vokazzjonali” | 13–14 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Il-*Clusters* tal-Kompetittività” | 13–14 ta’ Novembru | Nizza |

| Avveniment | Data | Post |
|---|---|---|
| “Id-Djalogu Soċjali Tranżnazzjonali” | 13–14 ta’ Novembru | Lyon |
| *(Parlament Ewropew ta’ l-Intrapriżi (Eurochambres)* | *14 ta’ Novembru* | *Strasburgu* |
| “Bliet Ewropej tax-Xjenzi” | 14–16 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Jiem Ewropej ta’ l-Iżvilupp” | 15–17 ta’ Novembru | Strasburgu |
| “Kultura, Midja u Ekonomija fl-Ewropa” | 17–18 ta’ Novembru | Avignon |
| Konferenza ta’ l-Għeluq tas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali fl-Ewropa | 17–19 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Ġimgħa ta’ l-Enerġiji Rinnovabbli u tal-Ġestjoni ta' l-Enerġija" | 17–22 ta’ Novembru | Pariġi |
| Summit Ewropew ta’ l-Avjazzjoni: “L-Avjazzjoni u l-Ambjent” | 17–19 ta’ Novembru | Bordeaux |
| "Jiem tal-Kompetittività” | 18–19 ta’ Novembru | Pariġi |
| Ir-Responsabbiltà Soċjali ta’ l-Intrapriżi: Kif jistgħu l-Kumitati ta’ L-intrapriża jintervjenu biex jorjentaw id-deċiżjonijiet lejn progress fil-koeżjoni soċjali u jiżguraw is-sostenibbiltà ta’ l-iżvilupp ta’ l-intrapriża?” (Konferenza Ewropea tat-Trejd Unjons, EUROPLACE) | *20 ta’ Novembru* | *Pariġi* |
| “Ir-Riċerkaturi Żgħażagħ fl-Ewropa” | 20–21 ta’ Novembru | Rennes |
| “L-Esperimentazzjoni Soċjali fl-Ewropa” | 21–22 ta’ Novembru | Grenoble |
| “Il-Flus tad-Droga, l-Ekonomija Sewda u s-Sekwestru ta’ Ġid Miksub mill-Kriminalità fl-Ewropa” | 21 ta’ Novembru | Pariġi |
| Laqgħa tal-Ministri inkarigati mill-*housing*, mill-iżvilupp urban u mill-koeżjoni territorjali | 24–26 ta’ Novembru | Marsilja |
| “L-Iżvilupp Sostenibbli u l-Pestiċidi” | 25–26 ta’ Novembru | Pariġi |
| “L-Iskontar tas-Sentenzi Penali fl-Ewropa – liema perspettivi?” | 25 ta’ Novembru | Roubaix |
| “Konferenza dwar it-Teknoloġiji ta’ l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni: it-Teknoloġiji ta’ l-Informazzjoni” | 25–27 ta’ Novembru | Lyon |
| Kungress tas-Sindki Franċiżi dwar l-Ewropa (Assoċjazzjoni tas-Sindki Franċiżi) | 26–28 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Forum l-Ewropa u l-Isports” | 26–27 ta’ Novembru | Biarritz |
| “Most Favoured European Women Clause” (Assoċjazzjoni “choisir la cause des femmes” | 27–28 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Diġitalizzazzjoni tal-Patrimonju Kulturali: il-Biblijoteka Diġitali Ewropea” | 27–28 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Taħriġ vokazzjonali inizjali taż-żgħażagħ li jistudjaw waqt ix-xogħol (*sandwich course*): l-Ewropizzazzjoni tal-karriera” | 27–28 ta’ Novembru | Pariġi |

| Avveniment | Data | Post |
|---|---|---|
| “Fiera Ewropea ta’ l-Edukazzjoni” | 27–30 ta’ Novembru | Pariġi |
| “Is-Sigurtà tal-Provvisti ta’ l-Enerġija ta’ l-Ewropa” | 1 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “Is-Saħħa taż-Żgħażagħ” | 1–3 ta’ Diċembru | Lille |
| “Forum ta’ l-Ibliet dwar il-Belt Sostenibbli u l-Bidla fil-Klima” | 2–3 ta’ Diċembru | Montpellier |
| “Il-Kompetittività ta’ l-Ekoindustrija Ewropej” | 3–4 ta’ Diċembru | Lyon |
| Ċelebrazzjoni tal-Ħamsin Anniversarju ta’ *Business Europa* | 4–5 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “Titjib tal-Patrimonju Ewropew” | 4–5 ta’ Diċembru | Avignon |
| Jum Nazzjonali ta’ l-Aġenda Ewropea għall-Inklużjoni Soċjali (Fondazzjoni “Agir contre l’exclusion” | 5 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “Tisħiħ tal-kunfidenza tal-konsumatur Ewropew: reviżjoni ta’ l-acquis komunitarju u l-kooperazzjoni amministrattiva” | 5–6 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “Intrapriża u Żvilupp” (Aġenzija Franċiża għall-Iżvilupp) | 9 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “L-Infrastrutturi tar-Riċerka l-Kbar” | 9–11 ta’ Diċembru | Versailles - Saclay |
| Forum Ewropew ta’ l-Organizzazzjonijiet Non-governamentali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem | 10–13 ta’ Diċembru | Pariġi |
| “Il-Bijodiversità Mediterranja” | 18–19 ta’ Diċembru | Nizza |